

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 30.9.2010  
KUMM(2010) 521 finali

2010/0275 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**Dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)**

{SEC(2010) 1126}

{SEC(2010) 1127}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 1.1. Kuntest tal-politika

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) twaqqfet f'Marzu 2004 għal perjodu inizjali ta' ħames snin bir-Regolament (KE) Nru 460/2004,<sup>1</sup> bl-iskop ewlieni *"li jiġi żgurat livell għoli u effettiv tan-netwerks u s-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni ġewwa l-[Unjoni], [ ... ] sabiex tkun żviluppata kultura ta' sigurtà tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-konsumaturi, tal-impriżi u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku tal-Unjoni Ewropea, u permezz ta' hekk għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern."* Ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008<sup>2</sup> estenda l-mandat tal-ENISA sa Marzu 2012.

L-estensjoni tal-mandat tal-ENISA fl-2008 tat bidu wkoll għal dibattitu dwar id-direzzjoni ġenerali tal-isforzi Ewropej lejn is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni (NIS), fejn il-Kummissjoni kkontribwiet bit-tnejja ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-oġettivi potenzjali għal politika msaħħa tal-NIS fil-livell tal-Unjoni. Il-konsultazzjoni pubblika saret bejn Novembru 2008 u Jannar 2009 u gābret kważi 600 kontribuzzjoni.<sup>3</sup>

Fit-30 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-Ħarsien ta' Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni<sup>4</sup> (CIIP) li tiffoka fuq il-protezzjoni tal-Ewropa minn attacchi u tfixkil ċibernetiċi bit-tiġib tat-tħejjija, is-sigurtà u r-reżistenza, bi Pjan ta' Azzjoni li jagħmel sejħa biex l-ENISA jkollha rwol, prinċipalment ta' appoġġ għall-Istati Membri. Il-Pjan ta' Azzjoni ġie approvat b'mod wiesa' fid-diskussjoni waqt il-Konferenza Ministerjali dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni (CIIP) li saret f'Tallinn, l-Estonja, fis-27 u t-28 ta' April 2009.<sup>5</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Konferenza tal-Presidenza tal-Unjoni Ewropea jenfasizzaw l-importanza li *"jiġi ingranat l-appoġġ operazzjonali"* tal-ENISA; huma jiddikjaraw li l-ENISA *"tipprovdi strument utli biex tagħti spinta lill-isforzi koperattivi madwar l-Unjoni f'dan il-qasam"* u jiġbdu l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-mandat tal-Aġenzija jiġi kkunsidrat u fformulat mill-ġdid *"biex tiffoka aħjar fuq il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tal-UE; biex tikseb il-kapaċità ta' rispons flessibbli; biex tiżviluppa ħiliet u kompetenzi; u biex tiżdied l-effiċjenza operazzjonali u l-impatt ġenerali tal-Aġenzija"* biex l-Aġenzija ssir *'ass permanenti għal kull Stat Membru u għall-Unjoni Ewropea inġenerali.'*

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ĠU L 077, 13.3.2004, p. 1)

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni fir-rigward tal-perjodu effettiv (ĠU L 293, 31.10.2008, p.1).

<sup>3</sup> Ir-rapport fil-qosor tar-riżultati tal-Konsultazzjoni Pubblika 'Lejn Politika Msaħħa dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni fl-Ewropa' jinsab meħmuż bħala l-Anness 11 għall-Valutazzjoni tal-Impatt ippreżentata flimkien ma' din il-proposta.

<sup>4</sup> COM(2009) 149, 30.3.2009.

<sup>5</sup> Paper ta' Diskussjoni: [http://www.tallinnciip.eu/doc/discussion\\_paper\\_-\\_tallinn\\_ciip\\_conference.pdf](http://www.tallinnciip.eu/doc/discussion_paper_-_tallinn_ciip_conference.pdf)  
Konklużjonijiet tal-Presidenza: [http://www.tallinnciip.eu/doc/EU\\_Presidency\\_Conclusions\\_Tallinn\\_CIIP\\_Conference.pdf](http://www.tallinnciip.eu/doc/EU_Presidency_Conclusions_Tallinn_CIIP_Conference.pdf).

Wara diskussjoni fil-Kunsill tat-Telecom tal-11 ta' Ġunju 2009, fejn l-Istati Membri esprimew appoġġ għall-estensjoni tal-mandat tal-ENISA u għaż-żieda fir-riżorsi tagħha fid-dawl tal-importanza tal-NIS u l-isfidi li qed jevolvu f'dan il-qasam, id-dibattitu ngħalaq taħt il-Presidenza Svediża tal-Unjoni. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni<sup>6</sup> tagħraf l-irwol u l-potenzjal tal-ENISA u l-ħtieġa li l-ENISA *"tiġi żviluppata ulterjorment f'korp aktar effiċjenti."* Hija tagħmel enfasi wkoll fuq il-ħtieġa li l-Aġenzija tiġi mmodernizzata u msaħħa biex tappoġġja l-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jagħlqu d-distakk bejn it-teknoloġija u l-politika, billi sservi bħala ċentru ta' kompetenza esperta tal-Unjoni fi kwistjonijiet tal-NIS.

## 1.2. Kuntest ġenerali

It-teknoloġiji tal-infurmazzjoni u l-komunikazzjoni (ICTs) saru s-sinsla tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropea b'mod ġenerali. L-ICTs huma vulnerabbli għal theddidiet li m'għadhomx limitati fil-konfini nazzjonali u li nbidlu bl-iżviluppi fit-teknoloġija u s-swieq. Billi l-ICTs huma globali, interkonnessi u interdipendenti fuq infrastrutturi oħra, is-sigurtà u r-reżistenza tagħhom ma jistgħux ikunu assigurati b'approċċi purament nazzjonali u mhux koordinati. Fl-istess ħin, l-isfidi marbuta mal-NIS jevolvu malajr. In-netwerks u s-sistemi ta' infurmazzjoni għandhom jiġu protetti b'mod effikaċi kontra kull tip ta' interruzzjoni u ħsara, inklużi attakki minn persuni.

Il-politiki dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (NIS) għandhom irwol ċentrali fl-Aġenda Diġitali Ewropea<sup>7</sup> (DAE), inizjattiva mexxejja taħt l-Istrateġija tal-UE 2020, biex jiġi sfruttat u miġjub 'il quddiem il-potenzjal tal-ICTs, u biex dan il-potenzjal jissarraf fi tkabbir sostenibbli u innovazzjoni. It-tneġġiġ tal-użu tal-ICTs u t-tkabbir tal-fiduċja fis-soċjetà tal-infurmazzjoni huma prijoritajiet ewlenin tad-DAE.

L-ENISA inizjalment inħolqot biex tiżgura livell għoli u effettiv tas-sigurtà tan-netwerks u l-infurmazzjoni fl-Unjoni. L-esperjenza miksuba flimkien mal-Aġenzija u l-isfidi u t-theddid enfasizzaw il-ħtieġa għall-modernizzazzjoni tal-mandat tagħha biex tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-Unjoni Ewropea li jirriżultaw:

- mill-frammentazzjoni fl-approċċi nazzjonali fil-konfront tal-isfidi li qed jevolvu;
- min-nuqqas ta' mudelli kollaborattivi fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-NIS;
- mil-livell insuffiċjenti ta' tħejjija anke minħabba l-limitazzjonijiet Ewropej ta' twissija bikrija u kapaċità ta' rispons;
- min-nuqqas ta' dejta Ewropea affidabbli u għarfien limitat dwar problemi li qed jiżviluppaw;
- mil-livell baxx ta' kuxjenza dwar ir-riskji u l-isfidi tal-NIS;
- mill-isfida għall-integrazzjoni tal-aspetti tal-NIS fil-politiki għall-ġlieda aktar effettiva kontra l-kriminalità ċibernetika.

<sup>6</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ĠU C 321, 29.12.2009, p.1),

<sup>7</sup> <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2009:321:0001:0004:MT:PDF>.

COM(2010) 245, 19.05.2010.

### 1.3. L-objettivi tal-politika

L-objettiv ġenerali tar-regolament propost huwa li jippermetti li l-Unjoni, l-Istati Membru u l-partijiet interessati jżviluppaw livell għoli ta' kapaċità u tnejn biex jimpedixxu u jidentifikaw il-problemi tal-NIS u jirrispondu aħjar għalihom. Dan jgħin biex tinbena l-fiduċja, li ssostni l-iżvilupp tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni, biex titejjeb il-kompetittività tal-impriżi Ewropej u biex jiġi żgurat li s-Suq Intern jaħdem b'mod effettiv.

### 1.4. Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Din il-proposta tikkomplementa inizjattivi ta' politika regolatorji u mhux regolatorji dwar is-Sigurtà tan-Netzwerks u l-Infommazzjoni meħuda fil-livell tal-Unjoni biex jittejbu s-sigurtà u r-reżistenza tal-ICTs:

- Il-Pjan ta' Azzjoni mniedi bil-Komunikazzjoni dwar is-CIIP indirizza t-twaqqif ta':
  - (1) Forum Ewropew tal-Istati Membri (EFMS) maħsub biex irawwem diskussjoni u skambju dwar prassi ta' politika tajba bil-għan li jkun hemm ixxerjar ta' objettivi u ta' prijoritajiet tal-politika dwar is-sigurtà u r-reżistenza tal-infrastruttura tal-ICT, li jibbenefika wkoll direttament mill-ħidma u l-appoġġ iprovdut mill-Aġenzija.
  - (2) Sħubija Ewropea bejn is-Settur Pubbliku u l-Privat għar-Reżistenza (EP3R), li huwa l-qafas flessibbli ta' governanza mal-Ewropa kollha għar-reżistenza tal-infrastruttura tal-ICT, li jopera billi jrawwem il-koperazzjoni bejn is-settur pubbliku u l-privat dwar objettivi tas-sigurtà u r-reżistenza, rekwiżiti minimi, prassi u miżuri ta' politika tajba.
- Il-Programm ta' Stokkolma, adottat mill-Kunsill Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2009, jippromwovi politiki li jiżguraw is-sigurtà tan-netwerks u jippermettu rispons aktar veloċi fil-każ ta' attakki ċibernetiċi fl-Unjoni.
- Dawn l-inizjattivi jikkontribwixxu biex l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa jkollha effett. Il-politiki dwar l-NIS għandhom irwol ċentrali f'dik il-parti tal-istrateġija li tiffoka biex titkabbar il-fiduċja u s-sigurtà fis-soċjetà tal-infommazzjoni. Dawn jappoġġjaw ukoll il-miżuri u l-politika ta' appoġġ tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-privatezza (b'mod partikolari "privatezza permezz tad-disinn") u d-dejta personali (reviżjoni tal-qafas), in-netwerk tas-CPC, il-ġestjoni tal-identità, u l-Programm għal Internet Aktar Sikur.

### 1.5. L-iżviluppi fil-politika attwali tal-NIS relatata mal-proposta

Bosta mill-iżviluppi li għaddejjin fil-politika tal-NIS, b'mod partikolari daww imħabbra fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, jibbenefikaw mill-appoġġ u l-kompetenza esperta tal-ENISA. Dawn jinkludu:

- It-tisħiħ tal-koperazzjoni tal-politika tal-NIS billi jiġu intensifikati l-attivitajiet fil-**Forum Ewropew tal-Istati Membri (EFMS)** li, bl-appoġġ dirett tal-ENISA, ser jgħin biex:
  - jiġu definiti modi għat-twaqqif ta' netwerk Ewropew effettiv permezz ta' koperazzjoni transkonfinali bejn Skwadri nazzjonali/governattivi ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (CERTs);

- jiġu identifikati objettivi u prijoritajiet fuq medda twila ta' żmien għal eżerċizzji pan-Ewropej fuq skala kbira dwar inċidenti tal-NIS;
  - jiġu ingranati r-rekwiżiti minimi fl-akkwist pubbliku għat-tkabbir tas-sigurtà u r-reżistenza fis-sistemi u n-netwerks pubbliċi;
  - jiġu identifikati inċentivi ekonomiċi u regolatorji għas-sigurtà u r-reżistenza;
  - jiġi evalwat l-istat tas-saħħa tal-NIS fl-Ewropa.
- It-tishiġ tal-koperazzjoni u s-sħubija bejn is-settur pubbliku u l-privat, permezz tal-appoġġ għas-**Sħubija Ewropea tas-Settur Pubbliku u l-Privat għar-Reżistenza (EP3R)**. L-ENISA għandha rwol dejjem jikber fl-iffaċilitar tal-laqgħat u l-attivitajiet tal-EP3R. Il-passi li jmiss tal-EP3R se jinkludu:
    - Id-diskussjoni ta' miżuri u strumenti innovattivi għat-titjib tas-sigurtà u r-reżistenza, bħal:
      - (1) rekwiżiti minimi tas-sigurtà u r-reżistenza, b'mod partikolari fl-akkwist pubbliku għal prodotti jew servizzi tal-ICT, biex jiġu provduti kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jiġi żgurat livell xieraq ta' tħejjija u prevenzjoni;
      - (2) l-esplorazzjoni ta' kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-operaturi ekonomiċi, pereżempju meta dawn jimplementaw rekwiżiti minimi tas-sigurtà;
      - (3) inċentivi ekonomiċi għall-iżvilupp u t-tħaddin ta' prassi għall-ġestjoni tar-riskju, proċessi tas-sigurtà u prodotti;
      - (4) skemi ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' ġestjoni għall-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' inċidenti ewlenin fuq bażi komuni ta' ftehim;
      - (5) koperazzjoni bejn is-settur pubbliku u l-privat fil-każ ta' inċidenti fuq skala kbira;
      - (6) l-organizzazzjoni ta' **Samit tal-Intrapriżi** dwar konfini ekonomiċi u fatturi motivanti għas-sigurtà u r-reżistenza.
  - It-tqegħid fil-prattika tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-pakkett regolatorju dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi, fejn hija meħtieġa l-kompetenza esperta u l-assistenza tal-ENISA:
    - biex tappoġġja lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-opinjoni ta' tas-settur privat kif jixraq, fit-tfassil ta' qafas ta' regoli u proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' notifika ta' ksur tas-sigurtà (kif stipulat fl-Artikolu 13(a) tad-Direttiva ta' Qafas riveduta).
    - biex jitwaqqaf Forum annwali għall-korpi kompetenti nazzjonali/Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali tal-NIS u l-partijiet interessati tas-settur privat għad-diskussjoni tat-tagħlimiet meħuda u għall-iskambju ta' prassi tajba dwar l-applikazzjoni ta' miżuri regolatorji għall-NIS.

- L-iffaċilitar ta' **eżerċizzji ta' stat ta' tħejjija għas-sigurtà ċibernetika mal-UE kollha** bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-kontribuzzjoni tal-ENISA, bil-għan li dawn l-eżerċizzji jiġu estenzi għal-livell internazzjonali aktar tard.
- **It-twaqqif ta' CERT (Skwadra ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters)** għall-istituzzjonijiet tal-UE. Is-6 Azzjoni Ewlenija tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa hija li l-Kummissjoni tippreżenta "miżuri mmirati għal livell imsaħħaħ u għoli tal-Politika dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni, inklużi [...] miżuri li jippermettu risponsi aktar veloċi fil-każ ta' attakki ċibernetiċi, inkluż CERT għall-istituzzjonijiet tal-UE."<sup>8</sup> Dan ikun jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni janalizzaw, u jwaqqfu Skwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters fejn l-ENISA tipprovdli appoġġ tekniku u kompetenza esperta.
- Il-mobilizzazzjoni u l-appoġġ għall-Istati Membri biex iwettqu u fejn ikun meħtieġ biex iwaqqfu **CERTs nazzjonali/governattivi biex jiġi stabbilit netwerk ta' CERTs li jaħdem sew u li jkopri l-Ewropa kollha**. Din l-attività tkun ukoll strumentali biex tiġi żviluppata aktar Sistema Ewropea ta' Qsim u Notifikazzjoni ta' Infurmazzjoni (EISAS) għal ċittadini u SMEs li tinbena b'riżorsi u kapaċitajiet nazzjonali sa tmiem l-2012.
- **It-tqajjim ta' kuxjenza** dwar l-isfidi tal-NIS, li għandhom jinkludu:
  - it-tfassil mill-Kummissjoni flimkien mal-ENISA ta' gwida dwar il-promozzjoni ta' standards, il-prassi tajba u l-kultura tal-ġestjoni tar-riskju tal-NIS. Jitlesta l-ewwel kampjun tal-gwida.
  - L-organizzazzjoni mill-ENISA, b'koperazzjoni mal-Istati Membri, ta' "**Xahar Ewropew dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-infurmazzjoni għal kulħadd**", li jkun jinkludi Kompetizzjonijiet nazzjonali/Ewropej dwar is-Sigurtà Ċibernetika.

## 1.6. Konsistenza ma' politiki u objettivi oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti ma' politiki u objettivi eżistenti tal-Unjoni Ewropea u f'konformità sħiħa mal-objettiv li jkun hemm kontribut għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern permezz tat-titjib tat-tħejjija u r-risponsività għall-isfidi tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni.

## 2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### 2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Din l-inizjattiva tal-politika hija r-riżultat ta' diskussjoni wiesgħa li saret wara approċċ inklużiv li rrispetta l-prinċipji ta' parteċipazzjoni, trasparenza, responsabbiltà, effettività u koerenza. Il-proċess wiesa' li sar kien jinkludi evalwazzjoni tal-Aġenzija fl-2006/2007 segwita minn Rakkomandazzjonijiet mill-Bord tat-Tmexxija tal-ENISA, żewġ

<sup>8</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni tagħmel ukoll provvediment li: "*Il-Kunsill [...] jagħraf [...] l-importanza li jiġu esplorati l-effetti strateġiċi, ir-riskji u l-prospetti għall-istabbiliment ta' CERTs għall-istituzzjonijiet tal-UE u li jiġi kkunsidrat ir-rwol futur possibbli tal-ENISA f'din il-kwistjoni.*"

konsultazzjonijiet pubbliċi (fl-2007 u fl-2008-2009) u għadd ta' workshops dwar kwistjonijiet relatati mal-NIS.

L-ewwel konsultazzjoni pubblika inbdiet b'konnessjoni mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni fuq medda medja ta' żmien tal-ENISA. Din kienet tiffoka fuq il-ġejjieni tal-Aġenzija u saret mit-13 ta' Ġunju sas-7 ta' Settembru 2007, u gābret total ta' 44 kontribuzzjoni online flimkien ma' tnejn oħra ppreżentati bil-miktub. It-tweġibiet waslu minn varjetà ta' partijiet interessati, inklużi ministeri tal-Istati Membri, korpi regolatorji, assoċjazzjonijiet tal-industrija u tal-konsumaturi, istituzzjonijiet akkademiċi, kumpaniji, u ċittadini individwali.

It-tweġibiet għamlu enfasi fuq għadd ta' kwistjonijiet interessanti dwar l-iżvilupp tax-xenarju ta' theddida; il-ħtieġa li jiġi ċċarat ir-Regolament u tinbena aktar flessibbiltà fih biex l-ENISA tkun tista' tadatta għall-isfidi; l-importanza li tiġi żgurata interazzjoni effettiva mal-partijiet interessati; u l-opportunità għal żieda limitata fir-riżorsi tagħha.

It-tieni konsultazzjoni pubblika, li saret mis-7 ta' Novembru 2008 sad-9 ta' Jannar 2009, kienet immirata biex tidentifika l-oġettivi prijoritarji għal politika tal-NIS aktar imsaħħa fil-livell Ewropew u l-mezzi biex jinkisbu dawk l-oġettivi. Waslu madwar 600 kontribuzzjoni mingħand awtoritajiet tal-Istati Membri, istituzzjonijiet akkademiċi/ta' riċerka, assoċjazzjonijiet tal-industrija, kumpaniji privati u partijiet interessati oħrajn, bħal organizzazzjonijiet u konsulenti tal-protezzjoni tad-dejta, u ċittadini privati.

Maġġoranza kbira ta' dawk li wiegħbu<sup>9</sup> appoġġjaw li l-mandat tal-Aġenzija jiġi estiż u kienu favur irwol akbar fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-NIS fil-livell Ewropew u żieda fir-riżorsi tagħha. Il-prijoritajiet ewlenin kienu l-ħtieġa ta' approċċ aktar ikkoordinat għat-theddiet ċibernetiċi mal-Ewropa kollha, koperazzjoni transnazzjonali b'rispons għal attackki ċibernetiċi fuq skala kbira, il-bini ta' fiduċja u skambju ta' informazzjoni mtejjeb fost il-partijiet interessati.

Saret valutazzjoni tal-impatt dwar il-proposta, li bdiet f'Settembru 2009, ibbażata fuq studju preparatorju li sar minn kuntrattur estern. Kienu involuti varjetà wiesgħa ta' partijiet interessati u esperti. Il-kontributori kienu jinkludu korpi tal-NIS tal-Istati Membri, awtoritajiet regolatorji nazzjonali, operaturi tat-telekomunikazzjoni u fornituri tas-servizzi tal-internet u assoċjazzjonijiet relatati tas-settur, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, manifatturi tal-ICT, Skwadri ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (CERTs), akkademiċi, u utenti korporattivi. Twaqqaf Grupp ta' Tmexxija bejn is-Servizzi magħmul mid-Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni biex jappoġġja l-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt.

## 2.2. Valutazzjoni tal-impatt

Ġie identifikat li kienet soluzzjoni xierqa li tinżamm Aġenzija biex jinkisbu l-oġettivi tal-politika Ewropea.<sup>10</sup> Wara proċess ta' qabel l-iskrutinju, intgħażlu ħames għażliet ta' politika għal aktar analiżi:

- Għażla 1 – L-ebda politika;
- Għażla 2 – Kollox jibqa' kif kien, jiġifieri, b'mandat simili u bl-istess livell ta' riżorsi;

---

<sup>9</sup> Ara l-Anness XI tal-Valutazzjoni tal-impatt

<sup>10</sup> Ara l-Anness IV tal-Valutazzjoni tal-impatt.



- Għażla 3 – Espansjoni tal-kompiti tal-ENISA, biż-żieda ta' awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi u l-protezzjoni tal-privatezza bħala partijiet interessati sħaħ;
- Għażla 4 – Jiżdiedu l-għlieda kontra attakki ċibernetiċi u r-rispons għal inċidenti ċibernetiċi mal-kompiti tagħha;
- Għażla 5 – Jiżdiedu awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet ġudizzjarji ta' appoġġ fil-għlieda kontra l-kriminalità ċibernetika mal-kompiti tagħha;

Wara analiżi komparattiva tal-ispiża u l-benefiċċji, l-għażla 3 ġiet identifikata bħala l-aktar mezz effettiv u effiċjenti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika.

L- Għażla 3 tippredvi espansjoni tal-irwol tal-ENISA, biex tiffoka fuq:

- il-bini u ż-żamma ta' netwerk ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet interessati u netwerk tal-għerf biex jiġi żgurati li l-ENISA tkun infurmata b'mod komprensiv dwar ix-xenarju Ewropew tal-NIS;
- li tkun iċ-ċentru ta' appoġġ tal-NIS għall-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni tal-politika (b'mod partikolari fir-rigward tal-privatezza elettronika, il-firma elettronika, l-ID elettronika u l-istandards ta' akkwist għall-NIS);
- li tappoġġja l-politika tas-CIIP u r-Reżistenza tal-Unjoni (eżerċizzji, EP3R, Sistema Ewropea ta' Xxerjar ta' Informazzjoni u Notifikazzjoni, eċċ.);
- it-twaqqif ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir tad-dejta tal-NIS, inkluż l-iżvilupp ta' metodi u prassi għar-rapportar legali u l-ixxerjar;
- l-istudju tal-ekonomija tal-NIS;
- li tistimula l-koperazzjoni bejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-promozzjoni ta' approċċ globali komuni għall-NIS u biex jingħata impatt għall-inizjattivi internazzjonali ta' livell għoli fl-Ewropa;
- li twettaq kompiti mhux operazzjonali relatati ma' aspetti tal-NIS li jikkonċernaw l-infurzar tal-liġi u l-koperazzjoni ġudizzjarja fir-rigward tal-kriminalità ċibernetika.

### 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

#### 3.1. Sommarju tal-azzjoni proposta

Ir-Regolament propost huwa maħsub biex isaħħaħ u jimmodernizza l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA), u biex jistabbilixxi mandat ġdid għal perjodu ta' ħames snin.

Il-proposta tinkludi xi bidliet ewlenin meta mqabbla mar-Regolament oriġinali:

- (1) **Aktar flessibbiltà, adattabbiltà u kapaċità biex tiffoka.** Il-kompiti huma aġġornati u mfassla mill-ġdid b'mod wiesa' biex jifirxu aktar l-ambitu tal-attivitajiet tal-Aġenzija; dawn huma biżżejjed preċiżi biex juru l-mezzi li bihom għandhom jintlaħqu l-oġġettivi. Dan jiffoka aħjar il-missjoni tal-Aġenzija, itejjeb il-kapaċità tagħha biex taqdi l-missjoni tagħha u jsaħħaħ il-kompiti tagħha b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni.

- (2) **Allinjament aħjar tal-Aġenzija fil-proċess ta' politika u dak regolatorju tal-Unjoni.** L-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej jistgħu jirrikorru għand l-Aġenzija għall-assistenza u l-konsulenza. Dan huwa konformi mal-iżviluppi politiċi u regolatorji: il-Kunsill issa beda jindirizza lill-Aġenzija direttament fir-Riżoluzzjonijiet, u l-PE u l-Kunsill assenjaw kompiti relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni lill-Aġenzija fil-qafas regolatorju tal-komunikazzjoni elettronika.
- (3) **Interfaċċja mal-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika.** Fl-ilħuq tal-oġġettivi tagħha, l-Aġenzija tikkunsidra l-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-protezzjoni tal-privatezza jsiru partijiet interessati sħaħ tal-Aġenzija, b'mod partikolari fil-Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti.
- (4) **Tisħiħ tal-istruttura ta' governanza.** Il-proposta ssaħħa l-irwol superviżorju tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, li fih huma rrappreżentati l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Pereżempju, il-Bord tat-Tmexxija jista' joħroġ direttivi ġenerali dwar kwistjonijiet ta' persunal, li qabel kienu r-responsabbiltà waħdanija tad-Direttur Eżekuttiv. Jista' wkoll jistabbilixxi korpi ta' ħidma biex jgħinuh iwettaq il-kompiti, inkluż il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu.
- (5) **Koordinazzjoni ta' Proċeduri.** Il-proċeduri li wrew li huma ta' piż żejjed ġew issimplifikati. Eżempji: (a) proċedura ssimplifikata għar-regoli interni tal-Bord tat-Tmexxija, (b) l-opinjoni dwar il-programm ta' ħidma tal-ENISA tingħata mis-servizzi tal-Kummissjoni minflok permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-Bord tat-Tmexxija ngħata wkoll riżorsi adegwati fil-każ li jkun jeħtieġ li jieħu deċiżjonijiet eżekuttivi u jimplementahom (pereżempju, jekk membru tal-persunal jippreżenta lment kontra d-Direttur Eżekuttiv jew il-Bord innifsu).
- (6) **Żieda gradwali tar-riżorsi.** Sabiex twettaq il-prijoritajiet Ewropej imsaħħa u tegħleb l-isfidi dejjem akbar, mingħajr preġudizzju għall-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss, hija mistennija żieda gradwali tar-riżorsi finanzjarji u umani tal-Aġenzija bejn l-2012 u l-2016. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għal wara l-2013 filwaqt li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni se tippreżenta dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva emendata.
- (7) **L-għażla li jiġi estiż il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv.** Il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal tliet snin.

### 3.2. Bażi legali

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>11</sup> (TFUE).

Skont sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja,<sup>12</sup> qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-Artikolu 95 tat-Trattat KE kellu jitqies bħala l-bażi legali xierqa għall-ħolqien ta' korp bl-iskop li jiżgura livell għoli u effettiv tal-NIS fl-Unjoni. Permezz tal-espressjoni "miżuri għal approssimazzjoni" fl-Artikolu 95 l-awturi tat-Trattat riedu jagħtu lill-leġiżlatura

<sup>11</sup> ĠU C 115, 9,5,2008, p. 94

<sup>12</sup> QEĠ 02.05.2006, C-217/04, *ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*.

tal-Unjoni d-diskrezzjoni li tagħżel il-miżuri xierqa biex jinkiseb ir-riżultat mixtieq. It-titjib tas-sigurtà u r-reżistenza tal-infrastrutturi tal-ICT għaldaqstant huwa element importanti li jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern.

Fit-Trattat ta' Lisbona, **l-Artikolu 114 tat-TFUE**<sup>13</sup> jiddeskrivi – kważi b'mod identiku – ir-responsabbiltà tas-suq intern. Għar-raġunijiet stipulati hawn fuq, dan jibqa' l-bażi legali applikabbli għall-adozzjoni ta' miżuri biex titjeb l-NIS. Ir-responsabbiltà tas-Suq Intern issa hija kompetenza kondiviża mill-Unjoni u l-Istati Membri (l-Artikolu 4(2)(a) TFUE). Dan ifisser li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri (vinkolanti) u li l-Istati Membri jieħdu azzjoni jekk l-Unjoni ma tkunx eżerċitat il-kompetenza tagħha jew tkun iddeċidiet li ma tiħux aktar azzjoni (Artikolu 2(2) TFUE).

Il-miżuri taħt ir-responsabbiltà tas-Suq Intern ikunu jeħtieġu l-proċedura leġislattiva ordinarja (l-Artikoli 289 u 294 tat-TFUE), li hija simili<sup>14</sup> għall-proċedura ta' qabel ta' kodeċiżjoni (l-Artikolu 251 tat-Trattat KE).

Bit-trattat ta' Lisbona, spiċċat id-distinzjoni li kienet issir bejn il-pilastri. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità saru kompetenza xxerjata tal-Unjoni. Din ħolqot opportunità biex l-ENISA jkollha rwol bħala pjattaforma f'aspetti tal-NIS fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika u biex taqsam opinjonijiet u l-aħjar prassi ma' awtoritajiet tad-difiża ċibernetika, tal-infurzar tal-liġi u tal-protezzjoni tal-privatezza.

### 3.3. Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà: Il-politika tal-NIS teħtieġ approċċ kollaborattiv u l-oġettivi tal-proposta ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri individwalment.

Strateġija ta' nuqqas sħiħ ta' intervent mill-Unjoni fil-politiki nazzjonali tal-NIS twassal biex il-kompitu jitħalla f'idejn l-Istati Membri, u tinjora l-interdipendenza ċara bejn is-sistemi eżistenti tal-informazzjoni. Għaldaqstant, miżura li tiggarrantixxi livell xieraq ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri biex jiġi żgurat li r-riskji tal-NIS jistgħu jiġu kkontrollati sew fil-kuntest transkonfinali li fih jistgħu jinqalgħu tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, azzjoni Ewropea ttejjeb l-effettività tal-politiki nazzjonali eżistenti u b'hekk iżżid il-valur.

Barra minn dan, l-introduzzjoni ta' politika tal-NIS miftiehma u kollaborattiva jkollha impatt benefiċjali fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u b'mod aktar speċifiku fuq id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali u tal-privatezza. Il-ħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta bħalissa hija kruċjali minħabba l-fatt li ċ-ċittadini Ewropej qegħdin dejjem aktar jafdaw id-dejta tagħhom f'ħdan sistemi ta' informazzjoni kumplessi, sew jekk jagħżlu li jagħmlu dan min jeddhom jew għall-bżonn, mingħajr ma bilfors ikunu jistgħu jevalwaw sew ir-riskji relatati mal-protezzjoni tad-dejta. Għalhekk, meta jseħħu l-inċidenti, huma mhux dejjem ikunu jistgħu jieħdu l-passi xierqa, u m'hemmx lanqas iċ-ċertezza li l-Istati Membri jkunu kapaċi jindirizzaw effettivament kull tip ta' inċident internazzjonali fin-nuqqas ta' koordinazzjoni Ewropea fl-NIS.

---

<sup>13</sup> Ara hawn fuq

<sup>14</sup> Il-proċedura leġislattiva ordinarja hija differenti b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-rekwiżiti ta' maġġoranza fil-Kunsill u l-PE.

### **3.4 Prinċipju tal-proporzjonalità**

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità billi ma tmurx lil hinn milli meħtieġ biex tilħaq l-oġġettiv tagħha.

### **3.5. Għażla ta' strumenti**

Strument propost: regolament, li jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

## **4. IMPLIKAZZJONI TAL-BAĠIT**

Il-proposta għandha impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

Billi l-kompiti li se jkunu inklużi fil-mandat il-ġdid għall-ENISA huma stabbiliti, huwa mistenni li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi meħtieġa biex twettaq l-attivitajiet tagħha b'mod sodisfaċenti. L-evalwazzjoni tal-Aġenzija, il-proċess estensiv ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati fil-livelli kollha u l-valutazzjoni tal-impatt juru qbil ġenerali li d-daqs tal-Aġenzija huwa taħt il-massa kritika tagħha u li hemm il-ħtieġa ta' żieda fir-riżorsi. Il-konsegwenzi u l-effetti taż-żieda fil-persunal u l-baġit tal-Aġenzija huma analizzati fil-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuża mal-proposta.

Il-finanzjament tal-UE wara l-2013 se jiġu eżaminati fil-kuntest ta' dibattitu mifruq fuq il-Kummissjoni kollha dwar il-proposti kollha għall-perjodu wara l-2013.

## **5. KUMMENTI ADDIZZJONALI**

### **5.1. Tul ta' żmien**

Ir-Regolament għandu jkopri perjodu ta' ħames snin.

### **5.2. Klawsola ta' reviżjoni**

Ir-Regolament jagħmel provvediment għal evalwazzjoni tal-Aġenzija, li tkopri l-perjodu mill-evalwazzjoni preċedenti tal-2007. Din għandha tevalwa l-effettività tal-Aġenzija fil-kisba tal-oġġettivi tagħha kif stipulati fir-Regolament, jekk għadhiex strument effettiv u jekk il-mandat tal-Aġenzija għandux jittawwal aktar. Fuq il-bażi ta' dawn ir-riżultati, il-Bord tat-Tmexxija jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar bidliet għal dan ir-Regolament, dwar l-Aġenzija u dwar il-prassi ta' ħidma tagħha. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tħejji abbozz għal kwalunkwe proposta għal estensjoni tal-mandat f'waqtha, l-evalwazzjoni għandha ssir sa tmiem it-tieni sena tal-mandat stipulat fir-Regolament.

### **5.3. Miżura interim**

Il-Kummissjoni hija konxja li l-proċedura leġiżlattiva fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill tista' tirrikjedi żmien twil ta' dibattitu fuq il-proposta, u hemm ir-riskju li jinholq vojt legali jekk il-mandat il-ġdid tal-Aġenzija ma jiġix adottat fil-ħin dovut qabel l-iskadenza tal-mandat kurrenti. Il-Kummissjoni għaldaqstant qed tipproponi, flimkien ma' din il-proposta, Regolament li jestendi l-mandat kurrenti tal-Aġenzija għal 18-il xahar biex jippermetti biżżejjed żmien għad-dibattitu u l-proċess dovut.

**Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**Dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,<sup>15</sup>

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,<sup>16</sup>

Wara t-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi huma fattur essenzjali fl-iżvilupp ekonomiku u tas-soċjetà. Dawn għandhom irwol vitali għas-soċjetà u saru servizzi li ssibhom kullimkien bl-istess mod bħalma huma l-provvisti tad-dawl u l-ilma. L-interruzzjoni tagħhom għandha l-potenzjal li tikkawża dannu ekonomiku konsiderevoli, u din tenfasizza l-importanza tal-miżuri biex tiżdied il-protezzjoni u r-reżistenza bl-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi kritiċi. Is-sigurtà tal-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi, b'mod partikolari l-integrità u d-disponibbiltà tagħhom, qed tiffaċċja sfidi li qed jespandu kontinwament. Dan huwa ta' tħassib dejjem akbar għas-soċjetà mhux l-inqas minħabba l-possibbiltà ta' problemi dovuti għall-kumplessità tas-sistema, l-inċidenti, l-iżbalji u l-attakki li jista' jkollhom konsegwenzi fuq l-infrastruttura fiżika li tipprovdi servizzi li huma kritiċi għall-benesseri taċ-ċittadini Ewropej.
- (2) Ix-xenarju tat-theddida qiegħed jinbidel kontinwament u inċidenti tas-sigurtà jistgħu jipperikolaw il-fiduċja tal-utenti. Filwaqt li interruzzjonijiet serji fil-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi jista' jkollhom impatt ekonomiku u soċjali qawwi, il-ksur tas-sigurtà, il-problemi u l-intoppi ta' kuljum ukoll jipperikolaw it-tnaqqir tal-fiduċja pubblika fit-teknoloġija, n-netwerks u s-servizzi.

---

<sup>15</sup> ĠU C , , p. .

<sup>16</sup> ĠU C , , p. .

- (3) Għaldaqstant, għal dawk li jfasslu l-politiki, l-industrija u l-utenti, huwa importanti li ssir valutazzjoni regolari tal-istat tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, ibbażata fuq dejta Ewropea affidabbli.
- (4) Ir-rappreżentattivi tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill Ewropew fit-13 ta' Diċembru 2003, iddeċidew li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) li kellha tiġi stabbilita abbażi tal-proposta mressqa mill-Kummissjoni, għandu jkollha s-sede tagħha frahal fil-Greċja li għandu jiġi ddeterminat mill-Gvern Grieg.
- (5) Fl-2004 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 460/2004<sup>17</sup> li jstabilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni bl-iskop li tikkontribwixxi għall-għanijiet li jiġi żgurat livell għoli u effettiv tan-netwerks u s-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni, u biex tiġi żviluppata kultura ta' sigurtà tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-konsumaturi, tal-impriżi u tal-amministrazzjonijiet tas-settur pubbliku. Fl-2008, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008<sup>18</sup> li estenda l-mandat tal-Aġenzija sa Marzu 2012.
- (6) Minn mindu twaqqfet l-Aġenzija, l-isfidi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni nbidlu flimkien mat-teknoloġija, mas-suq u mal-iżviluppi soċjoekonomiċi, u kienu s-suġġett ta' aktar riflessjoni u dibattitu. Bi tweġiba għall-isfidi li qed jinbidlu, l-Unjoni aġġornat il-prijoritajiet tagħha għall-politika dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni f'għadd ta' dokumenti, inkluża l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2006 *Strateġija għal Soċjetà tal-Infurmazzjoni Sigura – Djalogu, sħubija u awtorizzazzjoni*,<sup>19</sup> ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-2007 dwar *Strateġija għal Soċjetà tal-Infurmazzjoni Sigura fl-Ewropa*,<sup>20</sup> il-Komunikazzjoni tal-2009 *Protezzjoni tal-Infrastruttura ta' Infurmazzjoni Kritika - "Inħarsu l-Ewropa minn attacchi u tfixkil ċibernetiċi fuq skala kbira: it-titjib tat-tnejjja, is-sigurtà u r-reżistenza"*,<sup>21</sup> il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Konferenza Ministerjali dwar il-ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Infurmazzjoni (CIIP), ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni,<sup>22</sup> . Ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa li l-Aġenzija tiġi modernizzata u msaħħa biex tikkontribwixxi b'suċċess għall-isforzi tal-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri biex dawn jiżviluppaw kapaċità Ewropea li tilqa' l-isfidi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. Aktar riċentement, il-Kummissjoni adottat l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>23</sup>, bħala inizjattiva ewlenija taħt strateġija Ewropa 2020. Din l-aġenda kumplessiva għandha l-għan li tisfrutta u tavvanza l-potenzjal tal-ICT sabiex dan il-potenzjal jiġi tradott fi tkabbir u innovazzjoni sostenibbli. It-titjib fil-fiducia u l-kunfidenza fis-soċjetà tal-informazzjoni hija waħda mill-oġġettivi ewlenin ta' din l-aġenda kumplessiva, li ħabbret għadd ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni f'dan il-qasam, inkluża l-proposta preżenti.

<sup>17</sup> ĠU C 77 13.3.2004, p. 1.

<sup>18</sup> ĠU C 293, 31.10.2008, p. 1

<sup>19</sup> COM(2006) 251, 31.05.2006.

<sup>20</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2007 dwar *Strateġija għal Soċjetà tal-Infurmazzjoni Sigura fl-Ewropa* (ĠU C 68, 24.3.2007, p.1).

<sup>21</sup> COM(2009) 149, 30.3.2009.

<sup>22</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ĠU C 321, 29.12.2009, p.1).

<sup>23</sup> COM(2010) 245, 19.05.2010.

- (7) Il-miżuri tas-suq intern fil-qasam tas-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika, u b' mod aktar ġenerali, is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni jeħtieġu forom differenti ta' applikazzjonijiet tekniċi u organizzattivi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-applikazzjoni eteroġena ta' dawn ir-rekwiżiti tista' twassal għal ineffiċjenzi u tista' toħloq ostakli fis-suq intern. Dan jitlob għal ċentru ta' kompetenza esperta f'livell Ewropew li jipprovdi gwida, konsulenza, u meta meħtieġ, assistenza dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, li fuqu jkun jistgħu jiddependu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej . L-Aġenzija tista' tilqa' għal dawn il-ħtiġijiet billi tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' kompetenza esperta u tgħin lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, u bħala konsegwenza ta' dan, lill-komunità kummerċjali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u regulatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.
- (8) L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti mogħtija lilha b' din il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika, u b' mod ġenerali, tikkontribwixxi għal livell imtejjeb tas-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika, billi, fost oħrajn, tipprovdi kompetenza esperta u konsulenza, u tippromwovi l-iskambju ta' prassi tajba.
- (9) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regulatorju komuni għal netwerks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva Qafas)<sup>24</sup> tesigħi wkoll li l-fornituri ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament jieħdu l-miżuri xierqa biex jissalvagwardjaw l-integrità u s-sigurtà tagħhom u jdaħħlu r-rekwiżiti tal-ksur tas-sigurtà u tan-notifikazzjoni ta' telf tal-integrità. Fejn ikun xieraq, l-Aġenzija għandha wkoll tiġi nnotifikata mill-awtoritajiet regulatorji nazzjonali, li għandhom ukoll jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija rapport sommarju annwali dwar in-notifikazzjonijiet riċevuti u l-azzjoni meħuda. Id-Direttiva 2002/21/KE tagħmel sejħa wkoll biex l-Aġenzija tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa tas-sigurtà billi tipprovdi opinjonijiet.
- (10) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)<sup>25</sup> tesigħi li fornitur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament jieħu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jissalvagwardja s-sigurtà tas-servizzi tiegħu u tesigħi wkoll li jkun hemm kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u d-dejta tat-traffiku relatata. Id-Direttiva 2002/58/KE tintroduċi informazzjoni dwar vjolazzjoni ta' dejta personali u rekwiżiti ta' notifikazzjoni għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Tirrikjedi wkoll li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Aġenzija dwar kull miżura ta' implimentazzjoni teknika li għandha tiġi adottata fil-każ taċ-ċirkostanzi jew il-format, u l-proċeduri applikabbli fil-każ tar-rekwiżiti tal-informazzjoni u n-notifikazzjoni. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta<sup>26</sup> teħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu provvediment li jobbliga lill-kontrollur li jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex iħares id-dejta personali mill-

---

<sup>24</sup> ĠU C 108, 24.4.2002, p. 33

<sup>25</sup> ĠU C 201, 31.7.2002, p. 37

<sup>26</sup> ĠU C 281, 23.11.1995, p. 31

qerda aċċidentali jew illegali, jew minn telf aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar jinvolti t-trażmissjoni ta' dejta permezz ta' netwerk, u kontra kull forma illegali ta' pproċessar.

- (11) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni u għall-iżvilupp ta' kultura ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-konsumaturi, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.
- (12) Għandu jkun hemm sett ta' kompiti li juri kif l-Aġenzija għandha tilħaq l-oġġettivi tagħha filwaqt li jippermetti flessibilità fl-attivitajiet tagħha. Il-kompiti mwettqa mill-Aġenzija għandhom jinkludu l-ġbir tal-informazzjoni u d-dejta xierqa meħtieġa biex tagħmel analiżi tar-riskji għas-sigurtà u r-reżistenza tal-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi, u biex tevalwa b'koperazzjoni mal-Istati Membri l-qagħda tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa. L-Aġenzija għandha tiżgura l-koordinazzjoni mal-Istati Membri u ttejjeb il-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati fl-Ewropa, b'mod partikolari billi tinvolvi fl-attivitajiet tagħha l-korpi nazzjonali kompetenti u esperti tas-settur privat fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. L-Aġenzija għandha tipprovdi għajjuna lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fid-djalogu tagħhom mal-industrija biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mas-sigurtà fi prodotti tal-hardwer u s-softwer, biex b'hekk tikkontribwixxi għal approċċ kollaborattiv tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.
- (13) L-Aġenzija għandha topera b'hal punt ta' referenza u tistabbilixxi fiduċja permezz tal-indipendenza tagħha, il-kwalità tal-konsulenza li toffri u l-informazzjoni li xxerred, it-trasparenza tal-proċeduri u l-metodi tal-operat tagħha, u r-reqqa tagħha fit-tweqqif tal-kompiti mogħtija lilha. L-Aġenzija għandha tibni fuq l-isforzi nazzjonali u tal-Unjoni u għaldaqstant tiżvolġi l-kompiti tagħha b'koperazzjoni sħiħa mal-Istati Membri, u tkun miftuħa għall-kuntatti mal-industrija u mal-partijiet interessati l-oħra rilevanti. Barra minn dan, l-Aġenzija għandha tibni fuq l-informazzjoni li tikseb mis-settur privat u fuq il-koperazzjoni miegħu, settur li għandu rwol importanti fis-sigurtà tal-komunikazzjoni, fl-infrastruttura u fis-servizzi elettroniċi.
- (14) Il-Kummissjoni nidiet is-Sħubija Ewropea tas-Settur Pubbliku u l-Privat għar-Reżistenza b'hal qafas ta' governanza flessibbli għall-Ewropa kollha għar-reżistenza tal-infrastruttura tal-ICT, li fiha l-Aġenzija għandu jkollha rwol ta' faċilitatur, filwaqt li tiġbor flimkien lill-partijiet interessati mis-settur pubbliku u l-privat biex jiddiskutu l-prijoritajiet tal-politika pubblika, id-dimensjonijiet ekonomiċi u tas-suq tal-isfidi u l-miżuri għar-reżistenza tal-infrastruttura tal-ICT, u biex tidentifika r-responsabilità tal-partijiet interessati.
- (15) L-Aġenzija għandha tipprovdi konsulenza lill-Kummissjoni permezz ta' opinjonijiet u analiżi teknika u soċjoekonomika fuq talba tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, biex tgħin fl-iżvilupp tal-politika fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. L-Aġenzija għandha wkoll tassisti, fuq talba tagħhom, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw politika u kapaċità fir-rigward tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.
- (16) L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej fl-isforzi tagħhom biex jibnu u jtejjbu l-kapaċità u t-tnejjija transkonfinali biex jipprevenu, isibu,



itaffu u jirrispondu għall-problemi u l-inċidenti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni; f'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha tiffaċilita l-koperazzjoni fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandu jkollha rwol attiv fl-appoġġ tagħha lill-Istati Membri fl-isforzi kontinwi tagħhom biex itejbu l-kapaċità ta' rispons tagħhom u biex torganizza u tmexxi eżerċizzji nazzjonali u Ewropej dwar inċidenti tas-sigurtà.

- (17) Id-Direttiva 95/46/KE tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali li jsir skont dan ir-Regolament.
- (18) Sabiex tifhem aħjar l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, l-Aġenzija jeħtieġ li tanalizza r-riskji attwali u emerġenti. Għal dak l-iskop l-Aġenzija għandha, b'koperazzjoni mal-Istati Membru, u jekk ikun xieraq, ma' korpi tal-istatistika, tiġbor l-informazzjoni rilevanti. Barra minn dan, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej fl-isforzi tagħhom biex jiġbru, janalizzaw u jqassmu dejta dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.
- (19) Fit-twettiq tal-attivitajiet ta' monitoraġġ fl-Unjoni, l-Aġenzija għandha tiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri dwar il-valutazzjoni tal-istat tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fl-Ewropa u tikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' valutazzjoni b'koperazzjoni mal-Istati Membri.
- (20) L-Aġenzija għandha tiffaċilita l-koperazzjoni fost il-korpi pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari b'appoġġ għall-iżvilupp u l-iskambju ta' prassi tajba u ta' standards għal programmi edukattivi u skemi biex titqajjem kuxjenza. Din l-azzjoni tkun iffaċilitata permezz ta' aktar skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. L-Aġenzija għandha wkoll tappoġġja l-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fil-livell tal-Unjoni, parzjalment permezz tal-promozzjoni tal-qsim ta' informazzjoni, ta' kampanji biex titqajjem kuxjenza u ta' programmi edukattivi u taħriġ.
- (21) Politiki effiċjenti tas-sigurtà għandhom ikunu bbażati fuq metodi ta' valutazzjoni tar-riskju żviluppatti sew, kemm fis-settur pubbliku u fil-privat. Il-metodi u l-proċeduri tal-valutazzjoni tar-riskju jintużaw f'livelli differenti b'ebda Prattika komuni dwar l-applikazzjoni effiċjenti tagħhom. Il-promozzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prassi għall-valutazzjoni tar-riskju u għal soluzzjonijiet interoperabbli tal-ġestjoni tar-riskju f'organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u l-privat ser iżidu l-livell tas-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandha tappoġġja l-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fil-livell tal-Unjoni, billi tiffaċilita l-isforzi tagħhom relatati mal-iżvilupp u l-attwalizzazzjoni ta' standards għall-ġestjoni tar-riskju u għal sigurtà li tista' titkejjel ta' prodotti, sistemi, netwerks u servizzi elettroniċi.
- (22) Il-ħidma tal-Aġenzija għandha tuża l-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u valutazzjoni teknoloġika li qed isiru, b'mod partikolari dawk imwettqa mill-inizjattivi differenti ta' riċerka tal-Unjoni Ewropea.
- (23) Fejn xieraq u utli biex tilħaq l-ambitu, l-oġġettivi tagħha u biex twettaq il-ħidmiet tagħha, l-Aġenzija għandha taqsam l-esperjenza u l-informazzjoni ġenerali mal-korpi u l-aġenziji imwaqqfa taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea u li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

- (24) Bil-koordinament tal-korpi tal-infurzar tal-liġi dwar l-aspetti tas-sigurtà tal-kriminalità ċibernetika, l-Aġenzija tirrispetta l-kanali ta' informazzjoni u n-netwerks stabbiliti bħall-punti ta' kuntatt imsemmija fid-Direttiva proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar attackki kontra sistemi ta' informazzjoni, li tirrevoka d-Deċiżjoni Qafas 2005/222/JHA, jew il-Task Force tal-Europol tal-Kapijiet tal-Unitajiet tal-Kriminalità ta' Teknoloġija Għolja.
- (25) Biex tiżgura li tilħaq b'mod sħiħ l-oġġettivi tagħha, l-Aġenzija għandha tikkoordina mal-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-privatezza biex tenfasizza u tindirizza kif suppost l-aspetti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika. Ir-rappreżentanti ta' dawn l-awtoritajiet għandhom isiru partijiet interessati sħaħ tal-Aġenzija u għandhom ikunu rrappreżentati fil-Grupp tal-Partijiet Interessati Permanenti tal-Aġenzija.
- (26) Il-problemi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni huma kwistjonijiet globali. Hemm bżonn ta' koperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib biex jittejjbu l-istandards tas-sigurtà, jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni, u jiġi promoss approċċ globali komuni għal kwistjonijiet tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandha tappoġġja l-koperazzjoni bejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali b'koperazzjoni, fejn xieraq, mal-SEAE.
- (27) It-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija m'għandux jinterferixxi mal-kompetenzi jew jostakola, jimpedixxi jew jirkeba il-poteri rilevanti u l-ħidmiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kif stabbilit fid-Direttivi relatati man-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, kif ukoll il-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) stabbilit bir-Regolament 1211/2009<sup>27</sup> tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u l-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet msemmi fid-Direttiva 2002/21/KE, il-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni, il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni u l-Kumitat Permanenti kif stipulat fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-forniment ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika<sup>28</sup> u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-Istati Membri relatati mal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta.
- (28) Sabiex jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun effettiva, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikunu rrappreżentati fuq il-Bord tat-Tmexxija, li għandu jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-attivitajiet tal-Aġenzija u jiżgura li din twettaq il-kompiti skont dan ir-Regolament. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun fdat bil-poteri meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Aġenzija, jadotta l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija, u jaħtar u jiddeċiedi dwar l-estensjoni jew it-tmiem tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu l-kapaċità li jwaqqaf korpi ta' ħidma biex jgħinuh fil-kompiti tiegħu; dawn il-korpi pereżempju għandhom ifasslu d-deċiżjonijiet tiegħu jew jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħhom.

<sup>27</sup> ĠU L 337, 18.12.2009, p.1.

<sup>28</sup> ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

- (29) Il-funzjonament tajjeb tal-Aġenzija jeħtieġ li d-Direttur Eżekuttiv tagħha jinħatar fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll tal-kompetenza u esperjenza rilevanti fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u li jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'indipendenza sħiħa fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-funzjonament intern tal-Aġenzija. Għal dan il-għan, id-Direttur Eżekuttiv għandu jħejji proposta għall-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, wara konsultazzjoni minn qabel mas-servizzi tal-Kummissjoni, u jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija jitwettaq kif suppost. Kull sena huwa għandu jħejji abbozz ta' rapport ġenerali biex ikun sottomess lill-Bord tat-Tmexxija, għandu jfassal abbozz tar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq għall-Aġenzija, u għandu jimplementa l-baġit.
- (30) Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkollu l-għażla li jwaqqaf Gruppi ta' Ħidma *ad hoc* biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari dawk ta' natura xjentifika jew teknika, jew legali jew soċjoekonomika. Meta jwaqqaf Gruppi ta' Ħidma *ad hoc* id-Direttur Eżekuttiv għandu jikseb input u jiddependi mill-kompetenza esperta esterna rilevanti meħtieġa biex l-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni l-aktar aġġornata disponibbli dwar l-isfidi tas-sigurtà ppreżentati mis-soċjetà tal-informazzjoni li qed tiżviluppa. L-Aġenzija għandha tiżgura li s-sħubija fil-Gruppi ta' Ħidma *ad hoc* issir skont l-ogħla standards ta' għarfien speċjalizzat, filwaqt li jingħata kas ta' bilanċ rappreżentattiv, kif xieraq filwaqt li jkunu kkunsidrati l-kwistjonijiet speċifiċi, bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri, is-settur privat, inklużi l-industrija, l-utenti, u l-esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. L-Aġenzija tista', skont il-ħtieġa, tistieden esperti individwali magħrufa bħala kompetenti fil-qasam rilevanti biex jieħdu sehem fil-proċeduri tal-Gruppi ta' Ħidma, fuq bażi ta' każ każ. L-ispejjeż tagħhom għandhom jitħallsu mill-Aġenzija skont ir-regoli interni tagħha u skont ir-Regolamenti Finanzjarji eżistenti.
- (31) L-Aġenzija għandu jkollha Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti bħala korp ta' konsulenza, biex jiżgura djalogu regolari bejn is-settur privat, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet interessati rilevanti oħra. Il-Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti, imwaqqaf mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv, għandu jiffoka fuq kwistjonijiet rilevanti għall-partijiet interessati kollha u jippreżentahom għall-attenzjoni tal-Aġenzija. Id-Direttur Eżekuttiv jista', fejn xieraq u skont l-aġenda tal-laqgħat, jistieden rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u korpi rilevanti oħrajn biex jieħdu sehem f'laqgħat tal-Grupp.
- (32) L-Aġenzija għandha rispettivament topera skont (i) il-prinċipju tas-sussidjarjetà, fejn tiżgura livell xieraq ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mal-NIS u t-titjib tal-effettività tal-politiki nazzjonali, u b'hekk jiżdied il-valur tagħhom u (ii) il-prinċipju tal-proporzjonalità, fejn ma tmurx lil hinn milli meħtieġ biex tilħaq l-oġettivi stipulati f'dan ir-Regolament.
- (33) L-Aġenzija għandha tapplika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>29</sup> u l-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-

---

<sup>29</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43)

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.<sup>30</sup>

- (34) Fl-ambitu tagħha, fl-oġġettivi tagħha u fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Aġenzija għandha tikkonforma b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istituzzjonijiet Ewropej, u mal-leġislazzjoni nazzjonali fir-rigward tat-trattament ta' dokumenti sensittivi. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu l-poter li jieħu deċiżjoni li tippermetti li l-Aġenzija taċċessa informazzjoni kklassifikata.
- (35) Sabiex ikun hemm garanzija tal-awtonomija u l-indipendenza sħiħa tal-Aġenzija, huwa meqjus neċessarju li din tingħata baġit awtonomu fejn id-dħul tagħha jiġi primarjament minn kontribuzzjoni mill-Unjoni u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li jkun qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija. L-Istat Membru ospitanti, jew kwalunkwe Stat Membru ieħor, għandu jitħalla jagħmel kontribuzzjonijiet volontarji għad-dħul tal-Aġenzija. Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni tibqa' applikabbli fir-rigward ta' kwalunkwe sussidji li jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Awdituri tagħmel il-verifika tal-kontijiet.
- (36) L-Aġenzija għandha tiġi wara l-ENISA kif stabbilit bir Regolament Nru 460/2004. Fi ħdan il-qafas tad-deċiżjoni tar-Rappreżentattivi tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill Ewropew fit-13 ta' Diċembru 2003, l-Istat Membru ospitanti għandu jżomm u jiżviluppa l-ftehimiet prattiċi attwali sabiex jiżgura tħaddim effiċjeti u bla xkiel u tal-Aġenzija, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-assistenza tal-Aġenzija mal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi kompetenti tagħhom, istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni, partijiet interessati pubbliċi u privati mill-Ewropa kollha.
- (37) L-Aġenzija għandha tiġi stabbilita għal perjodu limitat. L-attivitajiet tagħha jkunu evalwati fir-rigward tal-effettività tal-ilhug tal-oġġettivi u tal-prassi ta' ħidma tagħha, biex tiġi determinata l-validità kontinwa, jew xorta oħra, tal-oġġettivi tal-Aġenzija, u fuq bażi ta' dan, jekk it-tul ta' żmien tal-attivitajiet tagħha għandux jiġi estiż aktar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## TAQSIMA 1 AMBITU, OĠĠETTIVI U KOMPITI

### *Artikolu 1*

#### **Suġġett u Ambitu**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (minn issa 'l quddiem "l-Aġenzija") bl-iskop li tikkontribwixxi għal livell għoli tas-sigurtà tan-netwerks u l-infurmazzjoni fl-Unjoni u biex tqajjem kuxjenza u tiżviluppa kultura ta' sigurtà tan-netwerks u l-infurmazzjoni fis-soċjetà għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-konsumaturi, tal-impriżi u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

---

<sup>30</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p.1).

2. L-objettivi u l-kompiti tal-Aġenzija jkunu bla ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni u fi kwalunkwe każ għall-attivitajiet li jirrigwardaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà tal-Istat (inkluż il-benesseri ekonomiku tal-Istat meta l-kwistjonijiet jikkonċernaw materji li jirrigwardaw is-sigurtà tal-Istat) u l-attivitajiet tal-Istat f'oqsma tal-liġi kriminali.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament "*sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni*" tfisser il-kapaċità ta' netwerk jew ta' sistema ta' informazzjoni li jirreżistu, f'livell definit ta' fiduċja, avvenimenti aċċidentali jew illegali jew azzjonijiet malizzjużi li jikkompromettu d-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-dejta maħżuna jew trażmessa u s-servizzi relatati offruti minn dawn in-netwerks jew sistemi jew aċċessibbli permezz tagħhom.

## Artikolu 2

### Objettivi

1. L-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u regolatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fil-leġiżlazzjoni preżenti u futura tal-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

2. L-Aġenzija ttejjeb il-kapaċità u t-tħejjija tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex timpedixxi, tidentifika u tirispondi għal problemi u inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-Infomazzjoni.

3. L-Aġenzija tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' kompetenza esperta u tuża dik il-kompetenza esperta biex tistimula koperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi tas-settur pubbliku u tal-privat.

## Artikolu 3

### Kompiti

1. Fl-iskop stipulat fl-Artikolu 1, l-Aġenzija twettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) Tgħin lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, fl-iżvilupp ta' politika dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni billi tipprovdiha b'konsulenza u opinjonijiet u b'analiżi teknika u soċjoekonomika, u b'xogħol ta' tħejjija għall-iżvilupp u l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

(b) Tiffaċilita l-koperazzjoni fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-isforzi tagħhom b'dimensjoni transkonfinali biex jimpedixxu, jidentifikaw u jirrispondu għal inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

(c) Tassisti lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej fl-isforzi tagħhom biex jiġbru, janalizzaw u jqassmu dejta dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

(d) Tevalwa regolarment, b'koperazzjoni mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej, il-qagħda tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa;

(e) Tappoġġja l-koperazzjoni fost il-korpi pubbliċi kompetenti fl-Ewropa, b'mod partikolari b'appoġġ għall-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw u jiskambjaw prassi u standards tajbin;

(f) Tgħin lill-Unjoni u lill-Istati Membri fil-promozzjoni tal-użu tal-ġestjoni tar-riskju u ta' prassi u standards ta' sigurtà tajbin fil-każ ta' prodotti, sistemi u servizzi elettroniċi;

(g) Tappoġġja l-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fil-livell tal-Unjoni, fost oħrajn, billi tippromwovi l-ixxerjar ta' informazzjoni u tqajjem kuxjenza, u billi tiffaċilita l-isforzi tagħhom relatati mal-iżvilupp u l-attwalizzazzjoni ta' standards għall-ġestjoni tar-riskju u għas-sigurtà ta' prodotti, networks u servizzi elettroniċi;

(h) Tiffaċilita d-djalogu u l-iskambju ta' prassi tajba fost partijiet interessati pubbliċi u privati dwar is-sigurtà tan-networks u l-informazzjoni, inklużi aspetti tal-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika; tgħin lill-Kummissjoni dwar żviluppi ta' politika li jqisu aspetti tas-sigurtà tan-networks u l-informazzjoni tal-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika;

(i) Tgħin, fuq talba tagħhom, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw politika u kapaċità għas-sejba, l-analiżi u r-rispons tas-sigurtà tan-networks u l-informazzjoni;

(j) Tappoġġja d-djalogu u l-koperazzjoni tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali b'koperazzjoni, fejn xieraq, mal-SEAE, għall-promozzjoni ta' koperazzjoni internazzjonali u approċċ globali komuni għal kwistjonijiet tas-sigurtà tan-networks u l-informazzjoni;

(k) Twettaq il-kompiti mogħtija lill-Aġenzija permezz tal-atti leġiżlattivi tal-Unjoni.

## **TAQSIMA 2 ORGANIZZAZZJONI**

### **Artikolu 4 Korpi tal-Aġenzija**

L-Aġenzija tkun tinkludi:

- (a) Bord tat-Tmexxija;
- (b) Direttur Eżekuttiv u l-persunal; u
- (c) Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti.

### **Artikolu 5 Bord tat-Tmexxija**

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-attivitajiet tal-Aġenzija u jiżgura li l-Aġenzija taħdem skont ir-regoli u l-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan għandu jiżgura wkoll konsistenza tal-ħidma tal-Aġenzija ma' attivitajiet immexxija mill-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-Unjoni.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu bi qbil mas-servizzi tal-Kummissjoni rilevanti.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija bi qbil mas-servizzi tal-Kummissjoni rilevanti. Dawn ir-regoli għandhom ikunu magħmula pubbliċi.

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar Direttur Eżekuttiv skont l-Artikolu 10(2) u jista' jneħħi d-Direttur Eżekuttiv. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv.

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija skont l-Artikolu 13(3) u r-rapport ġenerali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel skont l-Artikolu 14(2).

6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija. Dawk ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej,<sup>31</sup> sakemm dan ma jkunx meħtieġ speċifikament għall-operat tal-Aġenzija u l-Kummissjoni tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel.

7. Il-Bord tat-Tmexxija, fuq ftehim mal-Kummissjoni, għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni xierqa, skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti dwar il-Persunal.

8. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistabbilixxi korpi ta' ħidma komposti mill-membri tiegħu stess biex jgħinuh iwettaq il-kompiti tiegħu, inklużi t-tfassil tad-deċiżjonijiet tiegħu u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.

9. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jadotta Pjan Multiannwali ta' Politika dwar il-Persunal, wara konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni u wara li jkun informa kif dovut lill-Awtorità tal-Baġit.

## Artikolu 6

### **Kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija**

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru, tliet rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni, u tliet rappreżentanti mingħajr id-dritt għall-vot, maħtura mill-Kummissjoni, li kull wieħed minnhom jirrappreżenta wieħed mill-gruppi li ġejjin:

(a) l-industrija tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(b) gruppi tal-konsumatur;

(c) esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

2. Il-membri tal-Bord u s-supplenti tagħhom għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-livell tagħhom ta' esperjenza u kompetenza esperta rilevanti fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

3. Il-mandat tar-rappreżentanti tal-gruppi msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) għandu jkun ta' erba' snin. Dan il-mandat jista' jiġi estiż darba biss. Jekk rappreżentant iwaqqaf l-affiljazzjoni tiegħu/tagħha mal-grupp ta' interess rispettiv, il-Kummissjoni tista' taħtar sostitut.

---

<sup>31</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

#### *Artikolu 7*

### **Il-President tal-Bord tat-Tmexxija**

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi l-President u d-Deputat President tiegħu minn fost il-membri għal perjodu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded. Id-Deputat President għandu jissostitwixxi lill-President *ex officio* jekk dan tal-aħħar ma jkunx jista' jwettaq id-doveri tiegħu.

#### *Artikolu 8*

### **Laqgħat**

1. Il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jissejħu mill-President tiegħu.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħmel laqgħa ordinarja darbtejn fis-sena. Għandu wkoll jagħmel laqgħat straordinarji fuq talba tal-President jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu bid-dritt tal-vot.
3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, mingħajr id-dritt tal-vot.

#### *Artikolu 9*

### **Votazzjoni**

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu bl-approvazzjoni tal-maġġoranza tal-membri tiegħu li għandhom id-dritt tal-vot.
2. Tkun meħtieġa maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tal-Bord tat-Tmexxija bid-dritt tal-vot biex jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tiegħu, ir-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija, il-baġit, il-programm ta' ħidma annwali u l-ħatra, l-estensjoni tal-mandat jew it-tneħħija tad-Direttur Eżekuttiv.

#### *Artikolu 10*

### **Id-Direttur Eżekuttiv**

1. L-Aġenzija għandha titmexxa mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, li għandu jkun indipendenti fit-twettiq tad-doveri tiegħu/tagħha.
2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar u jitneħħa mill-Bord tat-Tmexxija. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin, fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u manixerjali dokumentati, kif ukoll kompetenza u esperjenza speċifika. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija jista' jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu.
3. Matul id-disa' xhur qabel tmiem dan il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni. Fl-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari:
  - il-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv;
  - id-doveri u r-rekwiżiti tal-Aġenzija fis-snin li ġejjin.



4. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jqis ir-rapport tal-evalwazzjoni u biss f'dawk il-każijiet fejn jista' jiġi ġġustifikat bid-doveri u r-rekwiżiti tal-Aġenzija, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal mhux aktar minn tliet snin.

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu/tagħha, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi mistieden biex jaġmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu.

6. Jekk il-mandat ma jiġix estiż, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibqa' fil-kariga sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu.

7. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli :

- (a) għall-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija;
- (b) għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u d-deċiżjonijiet adottati mill-Bord tat-Tmexxija;
- (c) għall-assigurazzjoni li l-Aġenzija twettaq l-attivitajiet tagħha skont ir-rekwiżiti ta' dawk li jużaw is-servizzi tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-adegwatezza tas-servizzi pprovduti;
- (d) għall-kwistjonijiet speċifiċi kollha dwar il-persunal, fejn jiżgura konformità mad-direzzjonijiet ġenerali tal-Bord tat-Tmexxija u mad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija ta' natura ġenerali;
- (e) għall-iżvilupp u ż-żamma ta' kuntatt mal-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej;
- (f) għall-iżvilupp u ż-żamma ta' kuntatt mal-komunità kummerċjali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi biex jiżgura djalogu regolari mal-partijiet interessati rilevanti;
- (g) għal kompiti oħrajn assenjati lilu/lilha b'dan ir-Regolament.

8. Fejn meħtieġ u fi ħdan l-oġġettivi u l-kompiti tal-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv jista' jwaqqaf Gruppi ta' Ħidma *ad hoc* magħmul minn esperti. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun avżat bil-quddiem. Il-proċeduri b'mod partikolari dwar l-għamla, il-ħatra tal-esperti mid-Direttur Eżekuttiv u l-attività tal-Gruppi ta' Ħidma *ad hoc* għandhom ikunu speċifikati fir-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija.

9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jipprovdi persunal amministrattiv ta' appoġġ u riżorsi oħrajn li jkunu disponibbli għall-Bord tat-Tmexxija meta meħtieġ.

#### *Artikolu 11*

### **Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti**

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jwaqqaf Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, magħmul minn esperti li jirrappreżentaw il-partijiet interessati rilevanti, bħall-industrija tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

gruppi tal-konsumatur, esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-protezzjoni tal-privatezza.

2. Il-proċeduri b'mod partikolari dwar l-għadd, l-għamla, il-ħatra tal-membri mill-Bord tat-Tmexxija, il-proposta mid-Direttur Eżekuttiv u l-attività tal-Grupp għandhom ikunu speċifikati fir-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

3. Il-Grupp għandu jkun ippresedut mid-Direttur Eżekuttiv.

4. Il-mandat tal-membri tal-Grupp għandu jkun ta' sentejn u nofs. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija ma jistgħux ikunu membri tal-Grupp. Il-persunal tal-Kummissjoni għandu jkun intitolat li jkun preżenti għal-laqgħat u jieħu sehem fil-ħidma tal-Grupp.

5. Il-Grupp għandu joffri konsulenza lill-Aġenzija fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha. Il-Grupp għandu b'mod partikolari jagħti parir lid-Direttur Eżekuttiv dwar it-tfassil ta' proposta għall-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, u biex jiġi żgurat li jkun hemm komunikazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-programm ta' ħidma.

### **TAQSIMA 3 ATTIVITÀ**

#### *Artikolu 12*

#### **Programm ta' Ħidma**

1. L-Aġenzija għandha twettaq l-attivitajiet skont il-programm ta' ħidma tagħha, li għandu jinkludi l-attivitajiet ippjanati kollha tagħha. Il-programm ta' ħidma ma għandux iżomm lill-Aġenzija milli twettaq attivitajiet mhux previsti li jaqgħu fl-ambitu tal-oġettivi u l-kompiti tagħha u fil-limitu tal-baġit tagħha. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord tat-Tmexxija bl-attivitajiet tal-Aġenzija li m'hemmx provvediment għalihom fil-programm ta' ħidma.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għat-tfassil tal-abbozz tal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija wara konsultazzjoni minn qabel mas-servizzi tal-Kummissjoni. Kull sena qabel il-15 ta' Marzu d-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti l-abbozz tal-programm ta' ħidma għas-sena ta' wara lill-Bord tat-Tmexxija.

3. Kull sena qabel it-30 ta' Novembru, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għas-sena suċċessiva wara konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-programm ta' ħidma jinkludi tbassir multiannwali. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiżgura li l-programm ta' ħidma jkun konsistenti mal-oġettivi tal-Aġenzija u mal-prijoritajiet leġislattivi u ta' politika tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

4. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi organizzat skont il-prinċipju ta' Ġestjoni fuq Bażi tal-Attività (ABM). Il-programm ta' ħidma għandu jkun konformi mar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija u mal-baġit tal-Aġenzija għall-istess sena finanzjarja.

5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu, wara l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, jgħaddi l-programm ta' ħidma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u jipubblikah.

*Artikolu 13*  
**Rapport ġenerali**

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija abbozz ta' rapport ġenerali li jkopri l-attivitajiet kollha tal-Aġenzija fis-sena ta' qabel.
2. Kull sena qabel il-31 ta' Marzu, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-rapport ġenerali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel.
3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu, wara l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, jgħaddi r-rapport ġenerali tal-Aġenzija lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, u jippubblikah.

*Artikolu 14*  
**Talbiet lill-Aġenzija**

1. Talbiet għal konsulenza u assistenza li jaqgħu fl-ambitu tal-oġġettivi u l-kompiti tal-Aġenzija għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur Eżekuttiv u jkunu akkumpanjati mill-informazzjoni dwar l-isfond li jispjega l-kwistjoni li għandha tiġi indirizzata. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord tat-Tmexxija dwar it-talbiet riċevuti, u eventwalment dwar is-segwitu ta' dawn it-talbiet. Jekk l-Aġenzija tirrifjuta talba, għandha tingħata ġustifikazzjoni.
2. It-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jsiru:
  - (a) mill-Parlament Ewropew;
  - (b) mill-Kunsill;
  - (c) mill-Kummissjoni;
  - (d) minn kwalunkwe korp kompetenti maħtur minn Stat Membru, bħal awtorità regolatorja nazzjonali kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/21/KE.
3. L-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari dwar is-sottomissjoni, il-prijorità, is-segwitu u l-informazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija fuq talbiet lill-Aġenzija, għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord tat-Tmexxija fir-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija.

*Artikolu 15*  
**Dikjarazzjoni ta' interess**

1. Id-Direttur Eżekuttiv u uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja għandhom jagħmlu dikjarazzjoni bil-miktub tal-impenji u dikjarazzjoni bil-miktub li tindika n-nuqqas ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jkun ikkunsidrat ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom.
2. Esperti esterni li jieħdu sehem fi Gruppi ta' Ħidma *ad hoc* f'kull laqgħa għandhom jiddikjaraw kwalunkwe interess li jista' jkun ikkunsidrat ta' preġudizzju għall-indipendenza

tagħhom b'relazzjoni mas-suġġetti fuq l-aġenda u jastjenu milli jieħdu sehem fid-diskussjoni ta' tali punti.

### *Artikolu 16* **Trasparenza**

1. L-Aġenzija għandha tiżgura li twettaq l-attivitajiet tagħha b'livell għoli ta' trasparenza u skont l-Artikoli 13 u 14.
2. L-Aġenzija għandha tiżgura li l-pubbliku u kwalunkwe parti interessata jingħataw informazzjoni objettiva, affidabbli u faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżultati tax-xogħol tagħha, fejn xieraq. Hi għandha tqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-dikjarazzjonijiet ta' interessi magħmula mid-Direttur Eżekuttiv u mill-uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja, flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' interess magħmula minn esperti b'relazzjoni mas-suġġett fuq l-aġendi tal-laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma *ad hoc*.
3. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, jista' jawtorizza partijiet interessati biex josserva l-proċeduri ta' xi wħud mill-attivitajiet tal-Aġenzija.
4. Fir-regoli interni tal-operat, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' trasparenza msemmija fil-paragrafu 1 u 2.

### *Artikolu 17* **Kunfidenzjalità**

1. Bla ħsara għall-Artikolu 14, l-Aġenzija m'għandhiex tiżvela lil persuni terzi l-informazzjoni li hija tipproċessa jew tirċievi li dwarha jintalab trattament kunfidenzjali.
2. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti, esperti esterni li jieħdu sehem fi Gruppi ta' Ħidma *ad hoc*, u membri tal-persunal tal-Aġenzija inkluż uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja huma suġġetti għall-obbligi ta' kunfidenzjalità skont l-Artikolu 339 tat-Trattat anke wara li jkun waqfu mid-doveri tagħhom.
3. Fir-regoli interni tal-operat, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafi 1 u 2.
4. Il-Bord ta' Tmexxija jista' jiddeċiedi li jippermetti lill-Aġenzija tuża informazzjoni kklassifikata. F'dak il-każ il-Bord tat-Tmexxija, bi ftehim mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, jadotta regoli interni tal-operat fejn japplika l-prinċipji tas-sigurtà li jinsabu fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, ECSC, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-regoli interni ta' proċedura tiegħu.<sup>32</sup> Din tkopri, fost oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju, l-iżjedazzjoni u l-ħażna ta' informazzjoni kklassifikata.

---

<sup>32</sup> ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1

*Artikolu 18*  
**Aċċess għal dokumenti**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu japplika fil-każ ta' dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta arranġamenti għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fi żmien sitt xhur mit-twaqqif tal-Aġenzija.
3. Deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment lill-Ombudsman jew parti minn kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikoli 228 u 263 tat-Trattat rispettivament.

**TAQSIMA 4 DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 19*  
**Adozzjoni tal-baġit**

1. Id-dħul tal-Aġenzija għandu jikkonsisti f'kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija kif hemm provvediment għalihom fl-Artikolu 29, u kontribuzzjonijiet minn Stati Membri.
2. In-nefqa tal-Aġenzija għandha tinkludi persunal, appoġġ amministrattiv u tekniku, infrastruttura u spejjeż tal-operat, u spejjeż li jirriżultaw minn kuntratti flimkien ma' partijiet terzi.
3. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz tar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja li jmiss, u jgħaddih lill-Bord tat-Tmexxija, flimkien ma' abbozz tal-organigramma.
4. Id-dħul u l-infiq ikunu bilanċjati.
5. Kull sena, il-Bord tat-Tmexxija, fuq il-bażi tal-abbozz tar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq imfassal mid-Direttur Eżekuttiv, għandu jippreżenta rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq għall-Aġenzija għas-sena finanzjarja li jmiss.
6. Dan ir-rendikont tal-estimi, li għandu jinkludi abbozz tal-organigramma flimkien tal-abbozz tal-programm ta' ħidma għandu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, jintbagħat mill-Bord tat-Tmexxija lill-Kummissjoni u lill-Istati li magħhom l-Unjoni Ewropea laħqet ftehim skont l-Artikolu 24.
7. Dan ir-rendikont tal-estimi għandu jintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (it-tnejn minn issa 'l quddiem "l-awtorità tal-baġit") flimkien mal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
8. Fuq il-bażi ta' dan ir-rendikont tal-estimi, il-Kummissjoni, fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandha ddaħħal l-estimi li hija tikkunsidra neċessarji għall-organigramma u l-ammont tas-sussidju li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali, li hija tissottometti lill-awtorità tal-baġit-bi qbil mal-Artikolu 314 tat-Trattat.

9. L-awtorità tal-baġit għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju lill-Aġenzija.

10. L-awtorità tal-baġit għandha tadotta l-pjan tal-istabbiliment tal-Aġenzija.

11. Flimkien mal-programm ta' ħidma, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-baġit tal-Aġenzija. Dan isir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn xieraq, il-Bord tat-Tmexxija għandu jaġġusta l-baġit u l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija skont il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jgħaddih mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-awtorità tal-baġit.

#### *Artikolu 20*

### **Il-ġlieda kontra l-frodi**

1. Sabiex titkompla l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)<sup>33</sup> għandu japplika mingħajr restrizzjoni.

2. L-Aġenzija għandha taderixxi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)<sup>34</sup> u għandha toħroġ mingħajr dewmien id-dispozzjonijiet rilevanti applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija.

#### *Artikolu 21*

### **Implimentazzjoni tal-baġit**

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplementa l-baġit tal-Aġenzija.

2. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess poteri fuq l-Aġenzija bħal ma jeżerċita fuq dipartimenti tal-Kummissjoni.

3. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Aġenzija għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet provviżorji tal-istituzzjonijiet u l-korpi deċentralizzati skont l-Artikolu 128 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>35</sup> (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament Finanzjarju ġenerali").

4. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien ma' rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja għandu jintbagħat ukoll lill-awtorità tal-baġit.

---

<sup>33</sup> GÜ L 136, 31.5.1999, p. 1.

<sup>34</sup> GÜ L 136, 31.5.1999, p. 15

<sup>35</sup> GÜ L 248, 16.9.2002, p. 1.

5. Mal-wasla tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija, skont l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Aġenzija taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess u jibgħathom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.
6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jippreżenta opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Aġenzija.
7. Id-Direttur Eżekuttiv, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, għandu jippreżenta l-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija.
8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippubblika l-kontijiet finali.
9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Hu għandu jibgħat din it-tweġiba lill-Bord tat-Tmexxija.
10. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni, kif stipulat fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.
11. Il-Parlament Ewropew, waqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, sat-30 ta' April tas-sena N+2, għandu jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

## **TAQSIMA 5 DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

### *Artikolu 22* **Status legali**

1. L-Aġenzija għandha tkun korp tal-Unjoni. Hi għandu jkollha personalità legali.
2. F'kull wieħed mill-Istati Membri l-Aġenzija għandha tgawdi l-kapaċità legali l-aktar estensiva mogħtija lil persuni legali taħt il-liġijiet tagħhom. B'mod partikolari hi tkun tista' takkwista u tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tkun parti minn proċeduri legali.
3. L-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha.

### *Artikolu 23* **Il-persunal**

1. Ir-regoli u r-regolamenti applikabbli għal uffiċjali u persunal ieħor tal-Unjoni Ewropea għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija, inkluż id-Direttur Eżekuttiv tagħha.
2. Fir-rigward tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżerċita l-poteri mogħtija lill-awtorità investita bis-setgħa tal-ħatra mir-Regolamenti tal-Istaff u lill-awtorità intitolata li tikkonkludi kuntratti mill-Kundizzjonijiet tal-Impjiegi.

3. Fir-rigward tal-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv għandu jeżerċita l-poteri mogħtija lill-awtorità investita bis-setgħa tal-ħatra mir-Regolamenti tal-Istaff u lill-awtorità intitolata li tikkonkludi kuntratti mill-Kundizzjonijiet tal-Impjeggi.

4. L-Aġenzija tista' timpjega esperti nazzjonali mill-Istati Membri li jkunu ssekondati. L-Aġenzija għandha tistipula fir-regoli interni tal-operat tagħha l-arranġamenti prattiċi biex timplimenta dan.

#### *Artikolu 24*

### **Privileġġi u immunitajiet**

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Aġenzija u l-persunal tagħha.

#### *Artikolu 25*

### **Responsabbiltà**

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Aġenzija għandha tkun irregolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropa għandha l-ġurisdizzjoni li tgħaddi ġudizzju skont kwalunkwe klawnsola ta' arbitraġġ li tinstab f'kuntratt konkluż mill-Aġenzija.

2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, għandha tagħmel tajjeb għal kull dannu kkawżat minnha jew mill-uffiċjali tagħha fil-qadi ta' dmirijithom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni fi kwalunkwe tilwima relatata ma' kumpens għal tali dannu.

3. Ir-responsabbiltà personali tal-uffiċjali tagħha lejn l-Aġenzija għandha tkun irregolata mill-kundizzjonijiet rilevanti applikabbli għall-persunal tal-Aġenzija.

#### *Artikolu 26*

### **Lingwi**

1. Id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw fil-Komunità Ekonomika Ewropea<sup>36</sup> għandhom japplikaw għall-Aġenzija. L-Istati Membri u l-korpi l-oħra maħtura minnhom jistgħu jindirizzaw lill-Aġenzija u jirċievu risposta fil-lingwa tal-Unjoni Ewropea tal-għażla tagħhom.

2. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

---

<sup>36</sup> ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att tal-Adeżjoni 1994.



*Artikolu 27*

**Protezzjoni ta' dejta personali**

Fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta relatata ma' individwi, l-Aġenzija hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 28*

**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi**

1. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi li jkunu laħqu ftehimiet mal-Unjoni Ewropea li permezz tagħhom ikunu adottaw u applikaw leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam kopert b'dan ir-Regolament.

2. Għandhom isiru arranġamenti taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk il-ftehimiet, li jispeċifikaw b'mod partikolari n-natura, il-medda u l-mod li fihom dawn il-pajjiżi jistgħu jieħdu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni fl-inizjattivi meħuda mill-Aġenzija, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-persunal.

**TAQSIMA 6 DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 29*

**Klawsola ta' revizzjoni**

1. Fi żmien tliet snin mid-data tat-twaqqif imsemmija fl-Artikolu 34, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha tagħmel evalwazzjoni fuq il-bażi tat-termini ta' referenza miftiehma mal-Bord tat-Tmexxija. L-evalwazzjoni għandha tevalwa l-impatt u l-effettività tal-Aġenzija fl-ilhug tal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2, u l-effettività tal-prassi ta' ħidma tal-Aġenzija. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-evalwazzjoni b'mod partikolari biex tiddetermina jekk l-Aġenzija għadhiex strument effettiv u jekk it-tul ta' żmien tal-Aġenzija għandux jiġi estiż aktar mill-perjodu speċifikat fl-Artikolu 34.

2. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom jintbagħtu mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jirċievi l-evalwazzjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar bidliet għal dan ir-Regolament, l-Aġenzija u l-prassi ta' ħidma tagħha. Il-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv għandhom jikkunsidraw ir-riżultati tal-evalwazzjoni fl-ippjanar multiannwali tal-Aġenzija.

*Artikolu 30*

**Koperazzjoni mal-Istat Membru ospitanti**

L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija għandu jiżgura l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-ħidma effiċjenti u bla xkiel tal-Aġenzija.

*Artikolu 31*  
**Kontroll amministrattiv**

L-attivitajiet tal-Aġenzija huma suġġetti għas-sorveljanza tal-Ombudsman skont l-Artikolu 228 tat-Trattat.

*Artikolu 32*  
**Revoka u suċċessjoni**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 huwa rrevokat.

Referenzi għar-Regolament (KE) Nru 460/2004 u għall-ENISA għandhom jinftiehem li huma referenzi għal dan ir-Regolament u għall-Aġenzija.

2. L-Aġenzija tiegħu post l-Aġenzija li ġiet stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 460/2004 fir-rigward ta' kull sjieda, ftehimiet, obbligi legali, kuntratti ta' impjegi, impenji u responsabbiltajiet finanzjarji.

*Artikolu 33*  
**Tul ta' żmien**

L-Aġenzija għandha tiġi stabbilita minn [...] għal perjodu ta' ħames snin.

*Artikolu 34*  
**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u japplika b'effett mill-14 ta' Marzu 2012 jew mill-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu, skont liema tiġi l-aħħar.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...],

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA:

#### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)

#### 1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernati fl-istruttura tal-ABM/ABB<sup>37</sup>

Is-Soċjetà tal-Infommazzjoni u l-Midja

Qafas regolatorju għall-Aġenda Diġitali

#### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida segwita minn proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>38</sup>**

Il-proposta/inizjattiva hija marbuta mal-**estensjoni tal-azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

#### 1.4. Objettivi

##### 1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku multiannwali tal-Kummissjoni huwa fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

**Koerenza ta' approċċi regolatorji** – tipprovdi gwida u konsulenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiġi aġġornat u żviluppat qafas normattiv ħolistiku fil-qasam tal-NIS.

**Prevenzjoni, skoperta u rispons** – jittejjeb l-istat ta' tħejjija billi jkun hemm kontribuzzjoni għal kapaċità ta' twissija bikrija u ta' rispons għall-inċidenti Ewropej u pjanijiet ta' emerġenza u eżerċizzji pan-Ewropej.

**Titjib tal-għarfien għal dawk li jfasslu l-politika** – tipprovdi assistenza u toffri konsulenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkiseb livell għoli ta' għerf, mal-Unjoni kollha, dwar kwistjonijiet relatati mal-NIS u l-applikazzjoni tagħha għall-partijiet interessati tal-industrija. Dan jinkludi wkoll il-ġenerazzjoni, l-analiżi u d-disponibbiltà tad-dejta dwar l-ekonomija u l-impatt tal-vjolazzjonijiet tal-NIS, fatturi motivanti għall-partijiet interessati biex jinvestu f' miżuri tal-NIS, identifikazzjoni tar-riskji, l-indikaturi tal-qagħda tal-NIS fl-Unjoni, eċċ.

<sup>37</sup> ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Baġit Ibbażat fuq l-Attività.

<sup>38</sup> B'referenza għall-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

**Awtorità lill-partijiet interessati** – tiġi żviluppata kultura ta' sigurtà u ta' ġestjoni tar-riskju billi tingħata spinta lill-ixxerjar tal-informazzjoni u lill-koperazzjoni wiesgħa bejn il-partijiet mis-settur pubbliku u l-privat, kif ukoll għall-benefiċċju dirett taċ-ċittadini u l-iżvilupp ta' kultura ta' kuxjenza dwar l-NIS.

**Protezzjoni għall-Ewropa minn theddid internazzjonali** – jinkiseb livell għoli ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-promozzjoni ta' approċċ globali komuni għall-NIS u biex jingħata piż lil inizzjattivi internazzjonali ta' livell għoli fl-Ewropa).

**Lejn implimentazzjoni kollaborattiva** – tkun iffaċilitata l-kollaborazzjoni fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-NIS.

**Il-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika** – ikunu integrati l-aspetti tal-NIS tal-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika f'diskussjonijiet u l-iskambju ta' prassi tajba fost partijiet interessati pubbliċi u privati, b'mod partikolari permezz ta' koperazzjoni mal-awtoritajiet (preċedenti) tat-2 u t-3 pilastru, pereżempju mal-Europol.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku(speċifiċi) u l-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernati*

Objettiv speċifiku Nru

Biex tiżdied is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni (NIS), biex tiġi żviluppata kultura ta' sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-konsumaturi, tal-impriżi u organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u biex jiġu identifikati sfidi ta' politika li jitqajmu minn netwerks futuri u l-Internet

Attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernati

Il-politika dwar il-komunikazzjoni elettronika u s-Sigurtà tan-Netwerks

#### 1.4.3. *Riżultat(i) mistenni(ja) u impatt*

L-inizjattiva mistennija tirriżulta fl-impatti ekonomiċi li ġejjin:

- aktar disponibbiltà ta' informazzjoni dwar sfidi attwali u futuri u riskju għas-sigurtà u r-reżistenza
- sforzi mhux idduplikati fil-ġbir ta' informazzjoni rilevanti dwar riskji, theddid u vulnerabbiltajiet minn kull Stat Membru individwali
- livell oġhla ta' għarfien f'dawk li jfasslu l-politika meta jieħdu d-deċiżjonijiet
- kwalità aħjar ta' dispożizzjonijiet tal-politika tal-NIS fl-Istati Membri minħabba t-tixrid tal-aħjar prassi
- ekonomiji tal-kobor fir-rispons għal inċidenti f'livell tal-UE
- aktar investimenti b'riżultat ta' objettivi u standards ta' politika komuni għas-sigurtà u r-reżistenza f'livell tal-UE
- anqas riskji operazzjonali għal impriżi minħabba livell oġhla ta' sigurtà u reżistenza
- miżuri aktar koerenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika.

L-inizjattiva mistennija toħloq fl-impatti soċjali li ġejjin:

- fiduċja oġhla tal-utenti fis-servizzi u s-sistemi tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni;
- aktar fiduċja fil-funzjonament tas-Suq Intern tal-UE bil-kisba ta' livelli oġhla tal-protezzjoni tal-konsumatur;
- aktar skambji ta' informazzjoni u għerf ma' pajjiżi mhux tal-UE;
- salvagwardja aħjar tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-UE billi jiġu żgurati livelli ugwali ta' protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza taċ-ċittadini tal-UE.

L-impatti ambjentali mistennija huma minimi:

- impatt imnaqqas tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minħabba, pereżempju inqas vjaġġar b'riżultat ta' dipendenza oġhla fuq l-użu ta' sistemi u servizzi tal-ICT u inqas konsum tal-elettriku b'riżultat ta' ekonomiji tal-kobor fl-implimentazzjoni tal-obbligi tas-sigurtà.

#### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

L-indikaturi tal-monitoraġġ għal kull objettiv huma kif ġej:

##### **Koerenza ta' approċċi regolatorji:**

- Għadd ta' Stati Membri li jkunu għamlu użu mir-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija fil-proċess ta' tagħhom tat-tfassil ta' politika
- Għadd ta' studji mmirati biex jidentifikaw lakuni u inkonsistenzi fix-xenarju tal-istandardizzazzjoni b'relazzjoni mal-NIS
- Diverġenza mnaqqsa tal-approċċi tal-Istati Membri għall-NIS.

##### **Prevenzjoni, skoperta u rispons:**

- Għadd ta' taħriġ organizzat dwar is-sigurtà tan-netwerks
- Disponibbiltà ta' sistema ta' twissija bikrija li tiffunzjona fil-każ ta' riskji u attacchi emerġenti
- Għadd ta' eżerċizzji tal-NIS f'livell tal-UE ikkoordinati mill-Aġenzija

**Titjib tal-għarfien għal dawk li jfasslu l-politika:**

- Għadd ta' studji biex tinġabar informazzjoni dwar riskji tal-NIS attwali u antiċipati u teknoloġiji għall-prevenzjoni tar-riskju
- Għadd ta' konsultazzjonijiet ma' korpi pubbliċi li jieħdu ħsieb l-NIS
- Disponibbiltà ta' qafas Ewropew għall-organizzazzjoni tal-ġbir ta' dejta dwar l-NIS

**Għoti tal-awtorità lill-partijiet interessati:**

- Għadd ta' Prattiki tajbin identifikati għall-industrija
- Livell ta' investiment f' miżuri tas-sigurtà minn partijiet interessati privati

**Protezzjoni tal-Ewropa minn theddid internazzjonali:**

- Għadd ta' konferenzi/laqgħat bejn l-Istati Membri tal-UE biex jiġu definiti għanijiet miftiehem b'mod komuni għall-NIS
- Għadd ta' laqgħat bejn esperti Ewropej u internazzjonali tal-NIS

**Lejn implimentazzjoni kollaborattiva:**

- Għadd ta' valutazzjonijiet ta' konformità regolatorja
- Għadd ta' Prattiki tal-NIS mal-UE kollha

**Il-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika:**

- Regolarità tal-interazzjonijiet ma' aġenziji preċedenti tat-2 u t-3 pilastru
- Għadd ta' każijiet li fihom ġie pprovdut għarfien speċjalizzat f' investigazzjonijiet kriminali

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:***1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jintlaħqu fi żmien qasir jew f' medda twila ta' żmien*

L-ENISA nħolqot inizjalment fl-2004 biex tieħu ħsieb it-theddiet għall-NIS u l-ksur sussegwenti possibbli tagħha. Minn dak iż-żmien l-isfidi relatati mas-Sigurtà tan-Netzwerke u l-Infurmazzjoni evolwew mal-iżviluppi fit-teknoloġija u fis-swieq u kienu s-suġġett ta' aktar riflessjoni u dibattitu, biex illum għandna deskrizzjoni aġġornata u aktar dettaljata tal-problemi preċiżi identifikati u kif dawn jintlaqtu mix-xenarju dejjem jinbidel tal-NIS.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involvement tal-UE*

Il-problemi tal-NIS mhumiex limitati mill-konfini nazzjonali u għaldaqstant ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv fil-livell nazzjonali biss. Fl-istess ħin, hemm diversità kbira dwar kif l-awtoritajiet pubbliċi jiffaċċjaw il-problema fl-Istati Membri differenti. Dawn id-differenzi jistgħu jikkostitwixxu ostaklu ewlieni għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi xierqa applikati madwar l-Unjoni kollha biex itejbu l-NIS fl-Ewropa. Minħabba n-natura interkonnettiva tal-infrastrutturi tal-ICT, l-effikaċja tal-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali fi Stat Membru wieħed xorta tiġi affettwata bil-kbir minn livell aktar baxx ta' miżuri meħuda fi Stati Membri oħra u minn nuqqas ta' koperazzjoni sistematika transkonfinali. Miżuri tal-NIS insuffiċjenti li jirriżultaw f'inċident fi Stat Membru wieħed jistgħu jikkawżaw tfixkil fis-servizzi fi Stati Membri oħra.

Barra minn dan, il-multiplikazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà toħloq piż finanzjarju fuq l-impreżi li joperaw fil-livell tal-Unjoni Ewropea u twassal għal frammentazzjoni u nuqqas ta' kompetittività fis-suq intern Ewropew.

Filwaqt li d-dipendenza fuq in-netwerks u s-sistemi ta' informazzjoni qed tiżdied, jidher li t-tnejn biex jiġu indirizzati l-inċidenti mhix biżżejjed.

Is-sistemi nazzjonali attwali ta' twissija bikrija u ta' ġestjoni ta' inċidenti għandhom nuqqasijiet importanti. Il-proċessi u l-prattiki għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' inċidenti tas-sigurtà tan-netwerks ivarjaw b'mod sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor. F'xi pajjiżi, il-proċessi mhumiex formalizzati, filwaqt li f'pajjiżi oħra, ma hemm l-ebda awtorità kompetenti li tirċievi u tipproċessa r-rapporti dwar l-inċidenti. Sistemi Ewropej ma jeżistux. Bħala riżultat ta' dan, il-provvista ta' bżonnijiet bażiċi tista' tiġi mfixkla fundamentalment minn inċidenti tal-NIS, u għandhom jitħejjew risponsi xierqa. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-CIIP enfasizzat ukoll fuq il-ħtieġa ta' kapaċità Ewropea għal twissija bikrija u għal rispons kontra l-inċidenti, potenzjalment appoġġjata permezz ta' eżerċizzji fuq skala Ewropea.

Hemm ħtieġa ċara għal strumenti ta' politika li jimmiraw biex jidentifikaw b'mod proattiv ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet tal-NIS, billi jstabilixxu mekkaniżmi xierqa ta' rispons (pereżempju permezz tal-identifikazzjoni u t-tixrid ta' Prattiki tajba), u billi jiżguraw li dawn il-mekkaniżmi ta' rispons ikunu magħrufa u applikati mill-partijiet interessati.

### 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Ara l-Punti 1.5.1 u 1.5.2.

### 1.5.4. *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Din l-inizjattiva hija koerenti bis-siġħ mad-dibattitu ġenerali dwar l-NIS u ma' inizjattivi ta' politika oħra li jiffukaw fuq il-ġejjieni tal-NIS. Hija waħda mill-komponenti ewlenin tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, u din tal-aħħar hija l-inizjattiva ewlenija tal-istrateġija Ewropa 2020.

## 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

–  Il-bidu tal-estensjoni ta' 5 snin ikun l-14/03/2012 jew il-għurnata meta r-Regolament il-ġdid jidħol fis-seħħ, skont liema jiġi l-aħħar.

–  Impatt finanzjarju mill-2012 sal-2017

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien indefinit**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali mill-SSSS sal-SSSS,

– segwita b'operazzjoni sħiħa

## 1.7. Metodu(metodi) previst(i) għall-ġestjoni<sup>39</sup>

Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni

Ġestjoni indiretta ċentralizzata b'delegazzjoni tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

–  aġenziji eżekuttivi

–  korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet<sup>40</sup>

–  entitajiet mis-settur pubbliku nazzjonali/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku

–  persuni bir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fit-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

Ġestjoni maqsuma mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*għad iridu jiġu speċifikati*)

---

<sup>39</sup> Dettalji dwar il-metodi tal-ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit ta' BudgWeb: [http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag\\_en.html](http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html)

<sup>40</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.



## 2. MIŻURI TAL-ĠESTJONI

### 2.1. Regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar

Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli għall-monitoraġġ effettiv u l-evalwazzjoni tar-  
rendiment tal-Aġenzija mqabbel mal-għanijiet tagħha, u jirrapporta kull sena lill-Bord tat-  
Tmexxija.

Id-Direttur Eżekuttiv ifassal rapport ġenerali li jkopri l-attivitajiet kollha tal-Aġenzija fis-sena  
ta' qabel li, b'mod partikolari, iqabbel ir-riżultati miksuba mal-għanijiet tal-programm ta'  
ħidma annwali. Wara l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, dan ir-rapport jintbagħat lill-  
Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat  
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, u jiġi ppubblikat

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### 2.2.1. Riskju(riskji) identifikat(i)

Minn meta l-ENISA twaqqfet fl-2004, hija kienet soġġetta għal evalwazzjonijiet esterni u  
interni.

Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-ENISA, l-ewwel pass f'dan il-proċess kien l-  
evalwazzjoni indipendenti tal-ENISA minn panil ta' esperti esterni fl-2006/2007. Ir-rapport  
mill-panil ta' esperti esterni<sup>41</sup> kkonferma li r-raġunijiet oriġinali ta' politika għall-istabbiliment  
tal-ENISA u l-għanijiet oriġinali tagħha għadhom validi u kienet ukoll strumentali biex  
jitqajmu xi wħud mill-kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

F'Marzu 2007 l-Kummissjoni ppreżentat rapport dwar l-evalwazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija,  
li mbagħad għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu stess dwar il-ġejjieni tal-Aġenzija u dwar l-  
emendi għar-Regolament tal-ENISA.<sup>42</sup>

F'Ġunju 2007 l-Kummissjoni sottomettiet l-evalwazzjoni tagħha stess dwar ir-riżultati tal-  
evalwazzjoni esterna u dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija f'Komunikazzjoni  
lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.<sup>43</sup> Il-Komunikazzjoni spjegat li kellha ssir għażla bejn  
jekk jiġix estiż il-mandat tal-Aġenzija jew jekk l-Aġenzija kellhiex tiġi sostitwita  
b'mekkaniżmu ieħor, bħal forum permanenti ta' partijiet interessati jew netwerk ta'  
organizzazzjonijiet tas-sigurtà. Il-Komunikazzjoni fetħet ukoll konsultazzjoni pubblika dwar  
dan is-suġġett, li fiha talbet lill-partijiet interessati Ewropej jesprimu l-fehmiet tagħhom  
permezz ta' lista ta' mistoqsijiet bħala gwida għal aktar diskussjonijiet.<sup>44</sup>

<sup>41</sup> [http://ec.europa.eu/dgs/information\\_society/evaluation/studies/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/information_society/evaluation/studies/index_en.htm)

<sup>42</sup> Kif ipprovdut fl-Artikolu 25 tar-Regolament ENISA. It-test sħiħ tad-dokument adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-  
ENISA, li fih ukoll il-kunsiderazzjonijiet tal-Bord, huwa disponibbli fl-indirizz li ġej:  
[http://enisa.europa.eu/pages/03\\_02.htm](http://enisa.europa.eu/pages/03_02.htm).

<sup>43</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-Aġenzija  
Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) COM(2007) 285 finali, 1.6.2007: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52007DC0285:EN:NOT>.

<sup>44</sup> [http://ec.europa.eu/dgs/information\\_society/evaluation/studies/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/information_society/evaluation/studies/index_en.htm)

2.2.2. *Metodu(metodi) previst(i) ta' kontroll*

Ara l-punt 2.1 u l-punt 2.2.1, hawn fuq

**2.3. Miżuri kontra l-frodi u l-irregolaritajiet**

Il-ħlasijiet għal kwalunkwe servizz jew studji mitluba jiġu vverifikati mill-persunal tal-Aġenzija qabel isiru, u jiġu meqjusa bis-sħiħ l-obbligi kuntrattwali, il-prinċipji ekonomiċi u l-prattika finanzjarja u manġerjali tajba. Dispożizzjonijiet kontra l-frodi (superviżjoni, rekwiżiti ta' rappurtar, eċċ.) għandhom ikunu inklużi f'kull ftehma u kuntratt konklużi bejn l-Aġenzija u l-benefiċjarji ta' kwalunkwe ħlas.

### 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA\*

#### 3.1. Intestatura (intestaturi) tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja(linji) tan-nefqa tal-baġit affettwati

- Linji eżistenti tal-baġit tan-nefqa

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru / Deskrizzjoni	AD/AMD <sup>(45)</sup>	minn pajjiżi tal-EFTA <sup>46</sup>	minn pajjiżi kandidati <sup>47</sup>	minn pajjiżi terzi	fl-ambitu tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1.a Kompetittività għat- <i>tkabbir</i> u l-impjiegi	09 02 03 01 L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l- <i>Informazzjoni</i> – Sussidju fil-kuntest tat-Titoli 1 u 2	AD	IVA	LE	LE	LE
	09 02 03 02 L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l- <i>Informazzjoni</i> – Sussidju fil-kuntest tat-Titolu 3	AD	IVA	LE	LE	LE
5 Nefqa amministrattiva	09 01 01 Nefqa relatata mal-persunal f'impjieg attiv fil-qasam tal-politika tas-soċjetà tal- <i>informazzjoni</i> u l- <i>midja</i>	AMD	LE	LE	LE	LE
	09 01 02 11 Nefqiet oħra relatati ma' <i>ġestjoni</i>	AMD	LE	LE	LE	LE

<sup>45</sup> AD = Approprjazzjonijiet Differenzjati / AMD – Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

<sup>46</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>47</sup> Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

\* L-impatt finanzjarju stmat tal-proposta għall-perjodu li jmur lil hinn mill-perjodu finanzjarju kurrenti 2007-2013 mhuwiex kopert bid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva preżenti. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament li jstipula l-qafas finanzjarju multiannwali ta' wara l-2013 u filwaqt li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni se tippreżenta Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva emenda.

### 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

#### 3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:</b>	1.a	Kompetittività għat- <b>tkabbir</b> u l-impjiegi
--	-----	--

ENISA			1 Jan-13 Mar 2012	14 Mar-31 Diċ 2012	2013	2014	2015	2016	1 Jan-13 Mar 2017	TOTAL 14 Mar 2012 – 13 Mar 2017
Approprjazzjonijiet operazzjonali										
09 02 03 02 L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni – Sussidju fil-kuntest tat-Titolu 3	Impenji	(1)	0.454	1.976	2.470	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet	(2)	0.454	1.976	2.470	--	--	--	--	--
Approprjazzjonijiet amministrattivi										
09 02 03 01 L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni – Sussidju fil-kuntest tat-Titoli 1 u 2		(3)	1.293	4.697	6.120	--	--	--	--	--
<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1a</b>	Impenji	=1+3	1.747	6.673	8.590	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet	=2+3	1.747	6.673	8.590	--	--	--	--	--

TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.454	1.976	2.470	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet	(5)	0.454	1.976	2.470	--	--	--	--	--
TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)	1,293	4.697	6.120	--	--	--	--	--
<b>TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1.a</b> tal-programm ta' qafas multiannwali	Impenji	=4+ 6	1.747	6.673	8.590	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet	=5+ 6	1.747	6.673	8.590	--	--	--	--	--

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:</b>	5	Nefqa amministrattiva
--	---	-----------------------

	1 Jan-13 Mar 2012	14 Mar-31 Diċ 2012	2013	2014	2015	2016	1 Jan-13 Mar 2017	Total
Riżorsi umani	0.085	0.342	0.427	--	--	--	--	--
Nefqa amministrattiva oħra	0.002	0.013	0.015	--	--	--	--	--
<b>TOTAL DG INFSO</b>								
Approprijazzjo nijiet	0.087	0.355	0.442	--	--	--	--	--

<b>TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt I-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>	(Impenji totali = ħlasijiet totali)	0.087	0.355	0.442	--	--	--	--	--
--	-------------------------------------	-------	-------	-------	----	----	----	----	----

	1 Jan-13 Mar 2012	14 Mar-31 Diċ 2012	2013	2014	2015	2016	1 Jan-13 Mar 2017	Total
<b>TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt I-INTESTATURI minn 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>								
Impenji	1.834	7.028	9.032	--	--	--	--	--
Ħlas	1.834	7.028	9.032	--	--	--	--	--

3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenji f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

<b>Indika l-objettivi u r-risultati</b>	<b>1 Jan-13 Mar 2012</b>	<b>14 Mar-31 Diċ 2012</b>	<b>2013</b>	<b>2014</b>	<b>2015</b>	<b>2016</b>	<b>1 Jan-13 Mar 2017</b>	<b>TOTAL 14 Mar 2012 – 13 Mar 2017</b>
↓								
Koerenza ta' approċċi regolatorji	0.114	0.494	0.620	--	--	--	--	--
Prevenzjoni, skoperta u rispons	0.114	0.494	0.620	--	--	--	--	--
Tiġib tal-għarfien għal dawk li jfasslu l-politika	0.068	0.297	0.370	--	--	--	--	--
Awtorità lill-partijiet interessati	0.050	0.218	0.270	--	--	--	--	--
Protezzjoni tal-Ewropa minn theddidiet internazzjonali	0.023	0.099	0.120	--	--	--	--	--
Lejn implimentazzjoni kollaborattiva	0.064	0.276	0.340	--	--	--	--	--
Il-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika	0.023	0.098	0.120	--	--	--	--	--
<b>SPIŻA TOTALI</b>	<b>0.454</b>	<b>1.976</b>	<b>2.460</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>



3.2.3. *Stima tal-impatt fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*<sup>48</sup>

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

a) Nefqa amministrattiva taħt l-Intestatura 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

<b>INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali</b>	1 Jan-13 Mar 2012	14 Mar-31 Diç 2012	2013	2014	2015	2016	1 Jan-13 Mar 2017	<b>TOTAL 14 Mar 2012 – 13 Mar 2017</b>
Riżorsi umani	0.085	0.342	0.427	--	--	--	--	--
Nefqa amministrattiva oħra	0.002	0.013	0.015	--	--	--	--	--
<b>TOTAL</b>	<b>0.087</b>	<b>0.355</b>	<b>0.442</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>

b) Nefqa amministrattiva relatata mal-ENISA – koperta taħt il-linja tal-Baġit “09.020301 Sigurtà Ewropea tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni: Titolu 1 – Persunal u Titolu 2 – Funzjonament tal-Aġenzija”.

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

	1 Jan-13 Mar 2012	14 Mar-31 Diç 2012	2013	2014	2015	2016	1 Jan-13 Mar 2017	<b>TOTAL 14 Mar 2012 – 13 Mar 2017</b>
Riżorsi umani - Titolu 1 – Persunal	1.153	4.329	5,607	--	--	--	--	--
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva – Titolu 2 – Funzjonament tal- Aġenzija	0.140	0.368	0.513	--	--	--	--	--
<b>TOTAL</b>	<b>1.293</b>	<b>4.697</b>	<b>6.120</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>	<b>--</b>

<sup>48</sup> L-Anness għar-Rendikont Finanzjarju Leġiżlattiv ma ġiex komplut billi mhuwiex applikabbli għall-proposta kurrenti

### 3.2.3.2. Stima tal-ħtiġijiet ta' riżorsi umani

Kull sena l-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija għandu jiġi spjegat u ġġustifikat f'dokument imsejjaħ Pjan ta' Politika tal-Persunal li għandu jiġi ppreżentat lill-Awtorità Baġitarja.

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

#### a) Riżorsi umani fi ħdan il-Kummissjoni

	1 Jan-13 Mar 2012	14 Mar-31 Diċ 2012	2013	2014	2015	2016	1 Jan-13 Mar 2017
<b>Pożizzjonijiet għall-organigramma (uffiċjali u aġenti temporanji)</b>							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	3.5	3.5	3.5	--	--	--	--
<b>TOTAL</b>	<b>3.5</b>	<b>3.5</b>	<b>3.5</b>	--	--	--	--

#### b) Riżorsi umani tal-ENISA

		1 Jan-13 Mar 2012	14 Mar-31 Diċ 2012	2013	2014	2015	2016	1 Jan-13 Mar 2017
<b>Organigramma tal-ENISA (f'Ekwivalenti għal Full-Time FTE)</b>								
Uffiċjali jew persunal temporanju	AD	29	31	31	--	--	--	--
	AST	15	16	16	--	--	--	--
TOTAL ta' uffiċjali jew persunal temporanju		44	47	47	--	--	--	--
<b>Persunal ieħor (f'FTE)</b>								
Aġenti b'kuntratt		13	14	14	--	--	--	--
Esperti nazzjonali sekondati(SNE)		5	5	5	--	--	--	--
Total ta' persunal ieħor		18	19	19	--	--	--	--
<b>TOTAL</b>		<b>62</b>	<b>66</b>	<b>66</b>	--	--	--	--

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu mill-persunal tal-Aġenzija:

Uffiċjali u aġenti temporanji	L-Aġenzija se tkompli:
-------------------------------	------------------------

	<ul style="list-style-type: none"> <li>– twettaq funzjonijiet ta' konsulenza u ta' koordinazzjoni, meta <b>tiġbor u tanalizza d-dejta</b> dwar is-sigurtà tal-informazzjoni. Illum, kemm l-organizzazzjonijiet pubbliċi u kemm dawk privati b'għanijiet differenti jgħbru dejta dwar inċidenti tal-IT u dejta oħra rilevanti għas-sigurtà tal-informazzjoni. Madankollu, m'hemm l-ebda entità ċentrali fil-livell Ewropew li, b'mod komprensiv, tista' tiġbor u tanalizza d-dejta u tipprovdi opinjonijiet u pariri biex tappoġġja x-xogħol ta' politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;</li> <li>– <b>isservi bħala ċentru ta' għarfien speċjalizzati</b> li għalih jistgħu jirrikorru kemm l-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet Ewropej biex jiksbu <b>opinionijiet u pariri dwar kwistjonijiet tekniċi</b> marbuta mas-sigurtà;</li> <li>– tikkontribwixxi għal <b>koperazzjoni wiesgħa bejn atturi differenti</b> fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, pereżempju tagħti għajnuna fl-attivitajiet ta' segwitu b'appoġġ għal kummerċ elettroniku sigur. Koperazzjoni bħal din tkun prerekwiżit vitali għall-funzjonament sigur tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni fl-Ewropa. Il-parteċipazzjoni u l-involviment tal-partijiet interessati kollha hija meħtieġa;</li> <li>– tikkontribwixxi għal approċċ koordinat għas-sigurtà tal-informazzjoni permezz ta' <b>appoġġ lill-Istati Membri</b>, pereżempju dwar il-<b>promozzjoni tal-valutazzjoni tar-riskji</b> u l-attivitajiet ta' trawwim ta' kuxjenza;</li> <li>– tiżgura <b>l-interoperabbiltà tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni</b> meta l-Istati Membri <b>japplikaw</b> rekwiżiti tekniċi li jaffettwaw is-sigurtà;</li> <li>– tidentifika l-ħtiġijiet ta' <b>standardizzazzjoni rilevanti</b> u tivvaluta l-istandards tas-sigurtà eżistenti u l-iskemi taċ-ċertifikazzjoni, u tippromwovi użu l-aktar estensiv tagħhom b'appoġġ għal-leġiżlazzjoni Ewropea;</li> <li>– tappoġġja <b>l-koperazzjoni internazzjonali</b> f'dan il-qasam, li qed issir dejjem aktar meħtieġa billi l-kwistjonijiet ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni huma globali.</li> </ul>
Persunal estern	Ara hawn fuq

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti*

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti.
- Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali<sup>49</sup>.

Il-finanzjament tal-UE wara l-2013 se jiġi eżaminat fil-kuntest ta' dibattitu mifruq fuq il-Kummissjoni kollha dwar il-proposti kollha għall-perjodu ta' wara l-2013. Dan ifisser li ladarba l-Kummissjoni tagħmel il-proposta tagħha għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss, il-Kummissjoni se tippreżenta dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva emenda li tqis il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt.

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tagħmilx provvediment għal kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/inizjattiva tagħmel provvediment għal kofinanzjament kif stmat hawn taħt:

Appropjazzjonijiet indikattivi f' miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

	1 Jan-13 Mar 2012	14 Mar-31 Diċ 2012	2013	2014	2015	2016	1 Jan-13 Mar 2017	<b>TOTAL 14 Mar 2012 – 13 Mar 2017</b>
EFTA	0.042	0.160	0.206	--	--	--	--	--

### 3.3. **Stima tal-impatt fuq id-dħul**

- Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq dħul mixxellanju

<sup>49</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.